Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel

2026/2666(RSP)

29.06.2026

EMENDI
1 - 200

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Lídia Pereira, Heléne Fritzon, Marie-Luce Brasier-Clain, Alexandr Vondra, Emma Wiesner, Pär Holmgren, Lynn Boylan, Anja Arndt
(PE786.880v01-00)

Il-Konferenza tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima 2026 f'Antalya, it-Turkija (COP31)

Emenda 1
Alexandr Vondra
f'isem il-Grupp ECR

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 3a (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/590 tal-11 ta' April 2016 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima[1a], u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1841 tal-5 ta' Ottubru 2016 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima[1b],
	[1a] ĠU L 103, 19.4.2016, p. 1–2
	[1b] ĠU L 282, 19.10.2016, p. 1–3

Or. en

Emenda 2
Martin Hojsík, Sigrid Friis

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 5a (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Qafas Globali dwar is-Sustanzi Kimiċi – Għal Pjaneta Mingħajr Ħsara minn Sustanzi Kimiċi u Skart, adottat fl-ambitu tal-UNEP f'Settembru 2023,[1a]
	[1a] https://www.chemicalsframework.org/page/text-global-framework-chemicals

Or. en

Emenda 3
Martin Hojsík, Sigrid Friis

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 5b (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-ewwel Konferenza Internazzjonali tal-Qafas Globali dwar is-Sustanzi Kimiċi ("GFC") fis-16–20 ta' Novembru 2026 f'Ġinevra,

Or. en

Emenda 4
Lídia Pereira

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6a (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Pjan Direzzjonali ta' Adattament ta' Baku, adottat fil-COP29, li jistabbilixxi l-programm ta' ħidma globali ta' adattament għall-perjodu mill-2026 sal-2028 u jistabbilixxi l-qafas għall-avvanz tal-isforzi nazzjonali u kollettivi ta' adattament qabel ir-Rendikont Globali li jmiss skont il-Ftehim ta' Pariġi,

Or. en

Emenda 5
Alexandr Vondra
f'isem il-Grupp ECR

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' […] 2026 dwar l-implimentazzjoni u t-twettiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fid-dawl tal-Forum Politiku ta' Livell Għoli tal-2026,	***imħassar***

Or. en

Emenda 6
Alexandr Vondra
f'isem il-Grupp ECR

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 15

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-Liġi tal-UE dwar il-Klima[2] li ġiet emendata dan l-aħħar, li tintroduċi mira klimatika vinkolanti għall-UE kollha sal-2040 għal tnaqqis nett ta' 90 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra meta mqabbla mal-livelli tal-1990, flimkien mal-flessibbiltajiet assoċjati u l-mekkaniżmi ta' valutazzjoni,	– wara li kkunsidra l-Liġi tal-UE dwar il-Klima[2] li ġiet emendata dan l-aħħar, li tintroduċi mira klimatika vinkolanti għall-UE kollha sal-2040 għal tnaqqis nett ta' 90 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra meta mqabbla mal-livelli tal-1990, flimkien mal-flessibbiltajiet ***tal-krediti internazzjonali ta' 5 %*** assoċjati u l-mekkaniżmi ta' valutazzjoni,
[2] Ir-Regolament (UE) 2026/667 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2026 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1119 fir-rigward tal-istabbiliment ta' mira klimatika intermedja tal-Unjoni għall-2040 (ĠU L, 2026/667, 18.3.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2026/667/oj).	[2] Ir-Regolament (UE) 2026/667 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2026 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1119 fir-rigward tal-istabbiliment ta' mira klimatika intermedja tal-Unjoni għall-2040 (ĠU L, 2026/667, 18.3.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2026/667/oj).

Or. en

Emenda 7
Alexandr Vondra
f'isem il-Grupp ECR

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Kunsiderazzjoni 18

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Novembru 2019 dwar l-emerġenza klimatika u ambjentali[4] ,	***imħassar***

[4] ĠU C 232, 16.6.2021, p. 28.

Or. en

Emenda 8
Alexandr Vondra
f'isem il-Grupp ECR

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 21

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal, li ġie miftiehem fil-15-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB COP15) u s-16-il Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB COP16),	***imħassar***

Or. en

Emenda 9
Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 21a (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 16/22 tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, li tenfasizza kif il-konservazzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u l-ekosistemi, inklużi l-

	popolazzjonijiet tal-annimali selvaġġi, huma għażliet effettivi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, l-adattament u t-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri,

Or. en

Emenda 10
Pär Holmgren

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 21a (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 8.039 tal-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura (IUCN) tal-10 ta' Ottubru 2025, bit-titolu "Mobilising the role of wild animals in ecosystems as a climate solution" (Il-mobilizzazzjoni tar-rwol tal-annimali selvaġġi fl-ekosistemi bħala soluzzjoni klimatika),

Or. en

Emenda 11
Alexandr Vondra
f'isem il-Grupp ECR

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 22

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra l-Ftehim fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar fuq il-Konservazzjoni u fuq l-Użu Sostenibbli tal-Bijodiversità Marina fiż-Żoni lil hinn mill-Ġuriżdizzjoni Nazzjonali (Ftehim BBNJ),	***imħassar***

Or. en

Emenda 12
Alexandr Vondra
f'isem il-Grupp ECR

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 23

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-rapport speċjali tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) tal-2018 dwar l-impatti tat-tisħin globali ta' 1,5 ºC ogħla mil-livelli preindustrijali, ir-rapport speċjali tiegħu dwar it-tibdil fil-klima u l-art, ir-rapport speċjali tiegħu dwar l-oċean u l-krijosfera fi klima li qed tinbidel u s-sitt rapport tal-valutazzjoni tiegħu (AR6),	***imħassar***

Or. en

Emenda 13
Alexandr Vondra
f'isem il-Grupp ECR

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 27

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-metan fis-settur tal-enerġija u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/942[5],	***imħassar***
[5] ĠU L, 2024/1787, 15.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1787/oj.	

Or. en

Emenda 14

Pär Holmgren

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 27a (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Qafas Globali dwar is-Sustanzi Kimiċi – Għal Pjaneta Mingħajr Ħsara minn Sustanzi Kimiċi u Skart, adottat fil-ħames Konferenza Internazzjonali dwar il-Ġestjoni tas-Sustanzi Kimiċi, organizzata mill-UNEP f'Settembru 2023,

Or. en

Emenda 15
Alexandr Vondra
f'isem il-Grupp ECR

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 29a (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1252 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jistabbilixxi qafas li jiżgura provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika[1a],
	[1a] ĠU L, 2024/1252, 3.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1252/oj

Or. en

Emenda 16
Alexandr Vondra
f'isem il-Grupp ECR

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 30a (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport tal-Bank Dinji bit-titolu "State and Trends of Carbon Pricing 2025"[1a] (L-Istat u x-Xejriet tal-Ipprezzar tal-Karbonju 2025),
	[1a] Bank Dinji. 2025. State and Trends of Carbon Pricing 2025. © Bank Dinji, Washington DC. http://hdl.handle.net/10986/43277

Or. en

Emenda 17
Alexandr Vondra
f'isem il-Grupp ECR

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 31

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 41/21 tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU tat-12 ta' Lulju 2019 bit-titolu "Human rights and climate change" (Id-drittijiet tal-bniedem u t-tibdil fil-klima),	***imħassar***

Or. en

Emenda 18
Lynn Boylan, Jonas Sjöstedt, Catarina Martins, Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 31a (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Opinjoni Konsultattiva tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja tat-23 ta' Lulju 2025 dwar l-obbligi tal-Istati fir-rigward tat-tibdil fil-

klima, li ċċarat li l-Istati għandhom obbligi vinkolanti skont id-dritt internazzjonali biex jipprevjenu ħsara sinifikanti lis-sistema klimatika, jipproteġu lill-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri minn ħsara relatata mal-klima u jikkooperaw in bona fide biex jiżguraw azzjoni klimatika effettiva,

Or. en

Emenda 19
Sirpa Pietikäinen

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 31a (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' Aarhus u d-drittijiet ta' aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid tad-deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali li din tiggarantixxi,

Or. en

Emenda 20
Alexandr Vondra
f'isem il-Grupp ECR

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 31a (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Rapport tal-OECD dwar id-Dejn Globali tal-2026, bit-titolu "Sustaining Debt Market Under Growing Pressure"[1a] (Is-Sostenn tas-Suq tad-Dejn taħt Pressjoni li qed Tikber),
	[1a] OECD (2026), Global Debt Report

2026: Sustaining Debt Market Resilience Under Growing Pressure, OECD Publishing, Pariġi, https://doi.org/10.1787/e9d80efd-en

Or. en

Emenda 21
Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 31b (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tal-20 ta' Mejju 2026 li tapprova l-Opinjoni Konsultattiva tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja dwar l-obbligi tal-Istati fir-rigward tat-tibdil fil-klima, li affermat mill-ġdid li l-protezzjoni tas-sistema klimatika tikkostitwixxi obbligu legali skont id-dritt internazzjonali u appellat għal kooperazzjoni internazzjonali msaħħa u azzjoni klimatika aċċellerata,

Or. en

Emenda 22
Sirpa Pietikäinen

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 31b (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-"prinċipju ta' min iniġġes iħallas" kif rikonoxxut mill-oqfsa ta' politika eżistenti tal-UNFCCC u tal-UE,

Or. en

Emenda 23
Sirpa Pietikäinen

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 31c (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Valutazzjoni tar-Riskju Klimatiku fl-Ewropa tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u l-Analiżi tax-Xejriet tal-Klima u s-Sigurtà kkummissjonati mill-UE, li jidentifikaw perkorsi li permezz tagħhom it-tibdil fil-klima jaggrava r-riskji għas-sigurtà,

Or. en

Emenda 24
Alexandr Vondra
f'isem il-Grupp ECR

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 32

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni għal Tranżizzjoni Ġusta adottata fl-4 ta' Novembru 2021 fil-COP26,	***imħassar***

Or. en

Emenda 25
Pär Holmgren

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-Parlament Ewropew iddikjara emerġenza klimatika u ambjentali u impenja ruħu li jieħu azzjoni attiva urġenti	A. billi l-Parlament Ewropew ***fl-2019*** iddikjara emerġenza klimatika u ambjentali u impenja ruħu li jieħu azzjoni attiva

biex jikkontrolla din it-theddida;	urġenti biex jikkontrolla din it-theddida;

Or. en

Emenda 26
Heléne Fritzon, Mohammed Chahim, Annalisa Corrado, Javi López, César Luena, Sakis Arnaoutoglou, Delara Burkhardt, Tiemo Wölken

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-aċċess għal ambjent nadif, san u sostenibbli huwa dritt universali tal-bniedem u l-Artikolu 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jistabbilixxi l-prinċipju li l-ħarsien tal-ambjent irid jiġi garantit fid-dritt tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 27
Alexandr Vondra
f'isem il-Grupp ECR

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi skont ir-Rapport tal-UNEP "Emissions Gap Report 2025"***[9]*** **,** (Rapport tal-2025 dwar Diskrepanza fl-Emissjonijiet), ***l-implimentazzjoni*** sħiħa ***tal-NDCs mingħajr kundizzjonijiet magħmula skont il-Ftehim*** ta' Pariġi ***għall-2030 tpoġġi lid-dinja fit-triq it-tajba biex tillimita ż-żieda fit-temperatura għal 2,5 °C matul dan is-seklu, u l-implimentazzjoni sħiħa tal-NDCs kundizzjonali tnaqqas din iż-żieda fit-temperatura għal 2,3 °C***;	C. billi skont ir-Rapport tal-UNEP "Emissions Gap Report 2025***: Off target"*** (Rapport tal-2025 dwar Diskrepanza fl-Emissjonijiet***: Bogħod mill-Mira***)***[9]***, ***il-projezzjonijiet tat-tisħin globali matul dan is-seklu, abbażi tal-implimentazzjoni*** sħiħa ***tal-Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali (NDCs), issa huma ta' 2,3-2,5 °C, filwaqt li dawk abbażi tal-politiki attwali huma ta' 2;8 °C. Dan meta mqabbel ma' 2,6-2,8 °C u 3,1 °C fir-rapport tas-sena l-oħra. Madankollu, l-aġġornamenti metodoloġiċi jammontaw***

	għal 0,1 °C tat-titjib, u l-irtirar li ġej tal-Istati Uniti mill-Ftehim ta' Pariġi ***se jikkanċella 0,1 °C oħra, li jfisser li l-NDCs il-ġodda nfushom bilkemm ċaqalqu l-labra. In-Nazzjonijiet għadhom 'il bogħod milli jilħqu l-għan tal-Ftehim ta' Pariġi li jillimitaw it-tisħin għal ferm inqas minn 2*** °C***, filwaqt li jkomplu bl-isforzi biex jibqgħu taħt il-1,5 °C***;
9 Ir-rapport tal-UNEP, 4 ta' Novembru 2025, Emissions Gap Report 2025: Off Target (Rapport tal-2025 dwar Diskrepanza fl-Emissjonijiet: Bogħod mill-Mira).	***9 Ir-rapport tal-UNEP, 4 ta' Novembru 2025, Emissions Gap Report 2025: Off Target (Rapport tal-2025 dwar Diskrepanza fl-Emissjonijiet: Bogħod mill-Mira).***
	Or. en

Emenda 28
Emma Wiesner, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi r-rapport ta' sinteżi tal-NDC tal-2025[10] jiddikjara li l-livell totali globali tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-2030 huwa mbassar li jaqa' 6 % taħt il-livell tal-2019; billi l-IPCC jikkonkludi li f'xenarji li jillimitaw it-tisħin għal 1,5 °C, l-emissjonijiet ta' gassijiet serra jeħtieġ li jkunu 43 % taħt il-livell tal-2019 sal-2030;	D. billi r-rapport ta' sinteżi tal-NDC tal-2025[10] jiddikjara li l-livell totali globali tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-2030 huwa mbassar li jaqa' 6 % taħt il-livell tal-2019; billi l-IPCC jikkonkludi li f'xenarji li jillimitaw it-tisħin għal 1,5 °C, l-emissjonijiet ta' gassijiet serra jeħtieġ li jkunu ***mill-inqas*** 43 % taħt il-livell tal-2019 sal-2030;
[10] Is-Segretarjat tal-UNFCCC, 28 ta' Ottubru 2025, rapport ta' sinteżi, Nationally determined contributions under the Paris Agreement (Kontributi stabbiliti fil-livell nazzjonali skont il-Ftehim ta' Pariġi).	[10] Is-Segretarjat tal-UNFCCC, 28 ta' Ottubru 2025, rapport ta' sinteżi, Nationally determined contributions under the Paris Agreement (Kontributi stabbiliti fil-livell nazzjonali skont il-Ftehim ta' Pariġi).
	Or. en

Emenda 29
Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-workshop sponsorjat b'mod konġunt mill-IPBES-IPCC tal-2020 dwar il-Bijodiversità u t-Tibdil fil-Klima enfasizza li l-introduzzjoni mill-ġdid ta' speċijiet ewlenin tista' tkun ta' benefiċċju kemm għall-bijodiversità kif ukoll għall-mitigazzjoni u l-adattament tal-klima; billi l-evidenza xjentifika turi li l-annimali selvaġġi jsostnu funzjonijiet ewlenin tal-ekosistema li jipprovdu soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u r-reżiljenza tal-ekosistema, inklużi kontributi għall-ġenerazzjoni tal-foresti, il-fertilità tal-ħamrija, iċ-ċiklaġġ tan-nutrijenti u r-regolamentazzjoni tan-nirien;

Or. en

Emenda 30
Alexandr Vondra
f'isem il-Grupp ECR

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-leġiżlazzjoni tal-UE tistabbilixxi mira għat-tnaqqis ta' mill-inqas 55 % għall-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra sal-2030, u mira għat-tnaqqis ta' 90 % sal-2040, meta mqabbla mal-livelli tal-1990 u flimkien mal-flessibbiltajiet assoċjati;	E. billi l-leġiżlazzjoni tal-UE tistabbilixxi mira ***ambizzjuża*** għat-tnaqqis ta' mill-inqas 55 % għall-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra sal-2030, u mira għat-tnaqqis ta' 90 % sal-2040, meta mqabbla mal-livelli tal-1990 u flimkien mal-flessibbiltajiet assoċjati ***ta' 5 % tal-krediti internazzjonali, u newtralità klimatika sal-2050, mingħajr ma jitqiesu, fost l-***

oħrajn, kuntesti u kundizzjonijiet nazzjonali differenti, b'mod partikolari l-baġi industrijali u t-taħlita tal-enerġija, l-isfidi u l-ostakli globali, l-aċċess limitat għal finanzjament bi prezz raġonevoli u prevedibbli, il-lakuni teknoloġiċi u r-restrizzjonijiet tal-kapaċità;

Or. en

Emenda 31
Pär Holmgren

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi l-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima jirrakkomanda l-eliminazzjoni gradwali u urġenti tas-sussidji fuq il-fjuwils fossili fl-UE, f'konformità mal-impenji eżistenti; billi t-Tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali (EAP) jirrikjedi l-istabbiliment ta' skadenza ċara għat-tmiem ta' tali sussidji, f'konformità ma' din l-ambizzjoni klimatika;

Or. en

Emenda 32
Pär Holmgren

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi skont ir-rapport konġunt tas-C3S u tad-WMO, l-2025 kienet it-tielet l-aktar sena sħuna rreġistrata, u t-temperatura globali hija stmata li kienet 1,4 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali[11];	F. billi skont ir-rapport konġunt tas-C3S u tad-WMO, l-2025 kienet it-tielet l-aktar sena sħuna rreġistrata, u t-temperatura globali hija stmata li kienet 1,4 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali[11]; ***billi skont is-sejbiet tal-ECMWF, l-aħħar***

	11-il sena kienu l-aktar 11-il sena sħan li qatt ġew irreġistrati, u l-2023-2025 kienu l-aktar tliet snin sħan li qatt ġew irreġistrati, b'temperatura globali li għall-ewwel darba laħqet medja ta' aktar minn 1,5 °C 'il fuq mil-livell preindustrijali matul perjodu ta' tliet snin[1a];
	[1a] Iċ-Ċentru Ewropew għall-Previżjonijiet Metereoloġiċi fuq Perjodu Medju, 2026, https://climate.copernicus.eu/copernicus-2025-was-third-hottest-year-record
[11] C3S-WMO, 2026, European State of the Climate Report (Rapport Ewropew dwar l-Istat tal-Klima) 2025.	[11] C3S-WMO, 2026, European State of the Climate Report (Rapport Ewropew dwar l-Istat tal-Klima) 2025.
	Or. en

Emenda 33
Alexandr Vondra
f'isem il-Grupp ECR

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi skont ir-rapport konġunt tas-C3S u tad-WMO, l-2025 kienet it-tielet l-aktar sena sħuna rreġistrata, u t-temperatura globali hija stmata li kienet 1,4 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali[11];	F. billi skont ir-rapport konġunt tas-C3S u tad-WMO, l-2025 kienet it-tielet l-aktar sena sħuna rreġistrata, u t-temperatura globali hija stmata li kienet 1,4 °C'il fuq mil-livelli preindustrijali ***u abbażi ta' stimi bis-satellita, il-konċentrazzjonijiet medji globali fl-atmosfera tas-CO2 u tas-CH4 komplew jiżdiedu fl-2025[11]***;
[11] C3S-WMO, 2026, European State of the Climate Report (Rapport Ewropew dwar l-Istat tal-Klima) 2025.	[11] C3S-WMO, 2026, European State of the Climate Report (Rapport Ewropew dwar l-Istat tal-Klima) 2025.
	Or. en

Emenda 34
Heléne Fritzon, Mohammed Chahim, Annalisa Corrado, Javi López, César Luena, Sakis Arnaoutoglou, Delara Burkhardt, Tiemo Wölken

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi l-Presidenza li jmiss tal-COP31 nediet Aġenda għal Azzjoni Klimatika Globali mfassla biex tnaqqas id-distakk fl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi permezz ta' miri ta' trasformazzjoni konkreti, li jistgħu jitkejlu u fl-ekonomija kollha, inkluż iż-żieda rapida tas-sehem tal-elettrifikazzjoni fid-domanda finali għall-enerġija, it-tnaqqis sinifikanti tal-ġenerazzjoni tal-iskart u l-emissjonijiet tal-metan assoċjati, l-avvanz tal-industrijalizzazzjoni ekoloġika billi tiġi appoġġjata l-ekonomija ċirkolari u t-titjib sostanzjali tal-effiċjenza enerġetika fil-bini bħala pilastru ewlieni ta' bliet newtrali għall-klima u reżiljenti; billi dawn l-objettivi jissottolinjaw li l-fażi li jmiss tal-azzjoni klimatika globali trid taqleb b'mod deċiżiv mit-tfassil tal-impenji għal implimentazzjoni fuq skala sħiħa fis-setturi kollha tal-ekonomija;

Or. en

Emenda 35
Heléne Fritzon, Mohammed Chahim, Annalisa Corrado, Javi López, César Luena, Sakis Arnaoutoglou, Delara Burkhardt, Tiemo Wölken

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fb (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fb. billi l-eliminazzjoni gradwali urġenti tas-sussidji għall-fjuwils fossili fl-UE hija essenzjali biex ikun hemm allinjament mal-objettiv li t-tisħin globali jiġi limitat għal 1,5 °C, kif enfasizzat mill-

Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima; billi t-Tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali (EAP) jirrikjedi l-istabbiliment ta' skadenza ċara għat-tmiem ta' tali sussidji f'konformità ma' din l-ambizzjoni klimatika; billi ħafna Stati Membri għad iridu jadottaw pjanijiet jew skedi ta' żmien konkreti biex jilħqu dan l-għan; billi l-forniment kontinwu ta' sussidji għall-fjuwils fossili jimmina t-tranżizzjoni lejn l-enerġija rinnovabbli, ifixkel l-allokazzjoni ġusta tar-riżorsi u jipperikola l-kapaċità tal-UE li tissodisfa l-impenji tagħha skont il-Ftehim ta' Pariġi;

Or. en

Emenda 36
Heléne Fritzon, Mohammed Chahim, Annalisa Corrado, Javi López, César Luena, Sakis Arnaoutoglou, Delara Burkhardt, Tiemo Wölken

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fc (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fc. billi l-Unjoni nediet b'mod konġunt il-Wegħda Globali b'rabta mal-Metan fil-COP26 biex tnaqqas l-emissjonijiet tal-metan bi 30 % fl-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-2020; billi s-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti nieda Sejħa globali għal Azzjoni dwar il-Metan li tiffoka fuq is-settur tal-iskart, is-settur agrikolu u speċjalment is-settur tal-faħam, taż-żejt u tal-gass;

Or. en

Emenda 37
Heléne Fritzon, Mohammed Chahim, Annalisa Corrado, Javi López, César Luena, Sakis Arnaoutoglou, Delara Burkhardt, Tiemo Wölken

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa Fd (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fd. billi l-Kummissjoni Ewropea, il-Presidenza tal-COP30, il-Presidenza tal-COP31, il-Presidenza tal-COP32, il-Kanada, il-Filippini, ir-Repubblika tal-Korea, ir-Renju Unit, l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija u l-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli flimkien mal-mexxejja tal-industrija nedew "Electrify Now", pjattaforma globali biex titħaffef l-elettrifikazzjoni tal-ekonomija globali;

Or. en

Emenda 38
Heléne Fritzon, Mohammed Chahim, Annalisa Corrado, Javi López, César Luena, Sakis Arnaoutoglou, Delara Burkhardt, Tiemo Wölken

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fe (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fe. billi l-konservazzjoni, il-protezzjoni u r-restawr tan-natura u tal-ekosistemi huma kruċjali biex jintlaħaq l-għan tat-temperatura tal-Ftehim ta' Pariġi, inkluż permezz ta' sforzi akbar biex jitwaqqfu u jitreġġgħu lura d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti sal-2030;

Or. en

Emenda 39
Alexandr Vondra
f'isem il-Grupp ECR

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi sebgħa mid-disa' limitazzjonijiet planetarji nqabżu skont ir-rapport taċ-Ċentru ta' Reżiljenza ta' Stokkolma bit-titolu "Planetary Health Check 2025" (Kontroll tas-Saħħa Planetarja 2025)[12];	***imħassar***
[12] Iċ-Ċentru ta' Reżiljenza ta' Stokkolma, 2025, ir-rapport "Planetary Health Check" (Kontroll tas-Saħħa Planetarja).	

Or. en

Emenda 40
Emma Wiesner, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi sebgħa mid-disa' limitazzjonijiet planetarji nqabżu skont ir-rapport taċ-Ċentru ta' Reżiljenza ta' Stokkolma bit-titolu "Planetary Health Check 2025" (Kontroll tas-Saħħa Planetarja 2025)[12];	G. billi sebgħa mid-disa' limitazzjonijiet planetarji nqabżu skont ir-rapport taċ-Ċentru ta' Reżiljenza ta' Stokkolma bit-titolu "Planetary Health Check 2025" (Kontroll tas-Saħħa Planetarja 2025)[12]***, inkluża l-limitazzjoni għat-tibdil fil-klima***;
[12] Iċ-Ċentru ta' Reżiljenza ta' Stokkolma, 2025, ir-rapport "Planetary Health Check" (Kontroll tas-Saħħa Planetarja).	[12] Iċ-Ċentru ta' Reżiljenza ta' Stokkolma, 2025, ir-rapport "Planetary Health Check" (Kontroll tas-Saħħa Planetarja).

Or. en

Emenda 41
Jessica Polfjärd

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi l-enerġija nukleari bħalissa tipprovdi madwar kwart tal-ġenerazzjoni tal-elettriku tal-UE u hija rikonoxxuta mill-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) bħala waħda mit-teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju li tista' tikkontribwixxi biex it-tisħin globali jiġi limitat għal 1,5 °C; billi l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija (AIE) enfasizzat il-ħtieġa li mill-inqas tiġi rduppjata l-kapaċità nukleari globali sal-2050 biex jintlaħqu emissjonijiet żero netti;

Or. en

Emenda 42
Marie-Luce Brasier-Clain, Mathilde Androuët, Anne-Sophie Frigout, Valérie Deloge, Viktória Ferenc, Jorge Buxadé Villalba, Barbara Bonte

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi l-enerġija nukleari titqies bħala enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju mill-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) u hija inkluża fix-xenarji globali kollha bl-għan li tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050;

Or. fr

Emenda 43
Danuše Nerudová

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi s-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, inklużi l-protezzjoni, ir-restawr u l-ġestjoni sostenibbli tal-ekosistemi bħall-foresti, l-artijiet mistagħdra u t-torbieri, jirrappreżentaw għodod kosteffettivi u vvalidati xjentifikament biex jintlaħqu l-għanijiet ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih;

Or. en

Emenda 44
Emma Wiesner, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi, f'Ġunju 2026, il-Kopresidenti tal-COP31, l-Awstralja u t-Turkija, ikkomunikaw l-intenzjoni tagħhom li jistabbilixxu għan globali ta' elettrifikazzjoni ta' 35 % sal-2035 matul il-COP31;

Or. en

Emenda 45
Sirpa Pietikäinen

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi teżisti riċerka prevalenti dwar it-telf ekonomiku gravi li jirriżulta minn kull grad addizzjonali ta' tisħin;

Or. en

Emenda 46
Danuše Nerudová

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Gb (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Gb. billi l-frekwenza u l-intensità dejjem akbar ta' eventi ta' temp estrem, inklużi l-għargħar, in-nirien fis-selvaġġ, in-nixfiet u l-mewġiet ta' sħana, qed jikkawżaw ħsara umanitarja, ekonomika u ambjentali devastanti fl-UE, li taffettwa b'mod sproporzjonat lill-komunitajiet rurali, lill-bliet żgħar u lir-reġjuni b'kapaċità limitata li jħejju u jirkupraw;

Or. en

Emenda 47
Sirpa Pietikäinen

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Gb (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Gb. billi x-xejriet tal-konsum taċ-ċittadini tal-UE jeżawrixxu b'mod sproporzjonat il-kapaċità tad-Dinja li tirriġenera r-riżorsi naturali, fejn l-umanità tkun teħtieġ 3,0 pjaneti biex issostni lilha nnifisha b'dik ir-rata ta' konsum, meta mqabbla mal-1,7 pjaneti meħtieġa bir-rata medja globali ta' konsum;

Or. en

Emenda 48
Sirpa Pietikäinen

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Gc (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Gc. billi n-Nofsinhar Globali, b'mod partikolari l-pajjiżi l-anqas żviluppati u n-nazzjonijiet gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw, ibati mill-konsegwenzi l-aktar gravi tat-tibdil fil-klima; billi l-popli indiġeni, il-minoranzi, in-nisa u l-ġenerazzjonijiet iżgħar jiffaċċjaw effetti sproporzjonati tat-tibdil fil-klima; billi l-UE u pajjiżi industrijali oħra għandhom l-akbar obbligi fid-dawl tar-responsabbiltà storika tagħhom;

Or. en

Emenda 49
Alexandr Vondra
f'isem il-Grupp ECR

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 1

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L-istat tal-klima globali u l-ħtieġa ta' azzjoni urġenti qabel il-COP31 f'Antalya	***Azzjonijiet*** qabel il-COP31 f'Antalya

Or. en

Emenda 50
Emma Wiesner, Martin Hojsík, Sigrid Friis, Jeannette Baljeu

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jisħaq li l-2025 kienet waħda mill-aktar snin sħan li qatt ġew irreġistrati; jisħaq li kull waħda mill-aħħar għaxar snin tikklassifika fost l-aktar għaxar snin sħan irreġistrati; jissottolinja li l-Ewropa hija l-aktar kontinent li qed jisħon malajr fid-	1. Jisħaq li l-2025 kienet waħda mill-aktar snin sħan li qatt ġew irreġistrati; jisħaq li kull waħda mill-aħħar għaxar snin tikklassifika fost l-aktar għaxar snin sħan irreġistrati; jissottolinja li l-Ewropa hija l-aktar kontinent li qed jisħon malajr fid-

dinja;	dinja; ***iwissi dwar il-konsegwenzi severi tal-fenomenu tal-klima globali El Niño, li skont il-previżjonijiet se jkun eċċezzjonalment b'saħħtu fl-2026 u l-2027, b'konsegwenzi umanitarji dejjem aktar severi, inklużi riperkussjonijiet għas-sigurtà tal-ikel u d-disponibbiltà tal-ilma;***

Or. en

Emenda 51
Pär Holmgren

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jisħaq li l-2025 kienet waħda mill-aktar snin sħan li qatt ġew irreġistrati; jisħaq li kull waħda mill-aħħar għaxar snin tikklassifika fost l-aktar għaxar snin sħan irreġistrati; jissottolinja li l-Ewropa hija l-aktar kontinent li qed jisħon malajr fid-dinja;	1. Jisħaq li l-2025 kienet waħda mill-aktar snin sħan li qatt ġew irreġistrati; jisħaq li kull waħda mill-aħħar għaxar snin tikklassifika fost l-aktar għaxar snin sħan irreġistrati; jissottolinja li l-Ewropa hija l-aktar kontinent li qed jisħon malajr fid-dinja ***u għalhekk għandha interess akbar li tixpruna azzjoni klimatika ambizzjuża***;

Or. en

Emenda 52
Alexandr Vondra
f'isem il-Grupp ECR

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jisħaq fuq l-importanza li jiġi żgurat li l-Inizjattiva tal-COP 28 Nukleari b'Emissjonijiet Żero Netti ssir parti integrali mill-ftehim finali tal-COP 31 fir-rigward tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2024/1735 u l-Artikolu 2 tar-

Regolament (UE) 2024/795;

Or. en

Emenda 53
Pär Holmgren

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jirrikonoxxi li l-limitazzjoni tat-tisħin globali għal 1,5 °C, mingħajr ebda eċċess jew b'eċċess minimu, tirrikjedi tnaqqis profond, rapidu u sostnut fl-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra, li jammonta għal tnaqqis ta' 43 % sal-2030 u 60 % sal-2035 meta mqabbel mal-livell tal-2019, biex jintlaħqu emissjonijiet netti żero ta' gassijiet serra globalment sal-2050;	2. Jirrikonoxxi li l-limitazzjoni tat-tisħin globali għal 1,5 °C, mingħajr ebda eċċess jew b'eċċess minimu, tirrikjedi tnaqqis profond, rapidu u sostnut fl-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra, li jammonta għal tnaqqis ta' 43 % sal-2030 u 60 % sal-2035 meta mqabbel mal-livell tal-2019, biex jintlaħqu emissjonijiet netti żero ta' gassijiet serra globalment sal-2050 ***u emissjonijiet negattivi netti wara l-2050***; ***jirrikonoxxi li l-ilħuq ta' dawn il-miri jirrikjedi wkoll restawr sinifikanti tan-natura u azzjoni biex nipproteġu u nkabbru l-bjar ta' karbonju tagħna;***

Or. en

Emenda 54
Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Ifakkar li l-Organizzazzjoni Meteorologika Dinjija (WMO) ikkonfermat li dawn l-aħħar snin huma l-aktar snin sħan irreġistrati u li t-temperatura globali qed toqrob temporanjament jew taqbeż il-1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali fuq bażi annwali, filwaqt li x-xejriet tat-tisħin fit-

tul qed ikomplu jogħlew; jinnota wkoll is-sejbiet tas-Sitt Rapport ta' Valutazzjoni (AR6) tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC), li jikkonkludi li l-influwenza tal-bniedem hija b'mod inekwivoku l-mutur dominanti tat-tisħin osservat u li l-baġits tal-karbonju li jifdal kompatibbli ma' 1,5 °C qed jiġu eżawriti malajr;

Or. en

Emenda 55
Pär Holmgren

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jinsab allarmat bil-fatt li, skont ir-Rapport ta' Sinteżi tal-NDC tal-2025, l-implimentazzjoni sħiħa tal-NDCs kollha li għadhom kif ġew ippreżentati, inklużi l-elementi kundizzjonali kollha, tnaqqas biss l-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra bi 19-24 % sal-2035 meta mqabbla mal-livell tal-2019;

Or. en

Emenda 56
Heléne Fritzon, Mohammed Chahim, Annalisa Corrado, Javi López, César Luena, Sakis Arnaoutoglou, Delara Burkhardt, Tiemo Wölken

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jissottolinja r-rwol kruċjali tal-multilateraliżmu biex tiġi indirizzata l-ħtieġa ta' azzjoni urġenti; jistieden lill-Partijiet kollha juru l-impenn kontinwu tagħhom favur il-multilateraliżmu;

Or. en

Emenda 57
Pär Holmgren

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jinnota li l-iskadenza ta’ Frar 2025 għas-sottomissjoni tal-NDCs li jistabbilixxu l-miri tal-2035 ma ntlaħqitx mill-maġġoranza l-kbira tal-partijiet, inkluża l-UE, u frazzjoni biss tal-partijiet ippreżentaw il-miri tagħhom sal-iskadenza oriġinali; jilqa’ l-fatt li, mill-COP30 f’Belém, 108 pajjiżi li jkopru 71 % tal-emissjonijiet globali fl-aħħar mill-aħħar kienu ppreżentaw NDCs ġodda, filwaqt li jirrikonoxxi li għad hemm diskrepanzi sinifikanti; jistieden lill-partijiet kollha li għad iridu jippreżentaw jew jaġġornaw l-NDCs tagħhom biex jagħmlu dan mingħajr aktar dewmien, u jiżguraw li l-NDCs tagħhom ikunu ambizzjużi u allinjati biżżejjed mal-eżiti tal-ewwel rendikont globali;	3. Jinnota li l-iskadenza ta’ Frar 2025 għas-sottomissjoni tal-NDCs li jistabbilixxu l-miri tal-2035 ma ntlaħqitx mill-maġġoranza l-kbira tal-partijiet, inkluża l-UE, u frazzjoni biss tal-partijiet ippreżentaw il-miri tagħhom sal-iskadenza oriġinali; jilqa’ l-fatt li, mill-COP30 f’Belém, 108 pajjiżi li jkopru 71 % tal-emissjonijiet globali fl-aħħar mill-aħħar kienu ppreżentaw NDCs ġodda, filwaqt li jirrikonoxxi li għad hemm diskrepanzi sinifikanti; jistieden lill-partijiet kollha li għad iridu jippreżentaw jew jaġġornaw l-NDCs tagħhom biex jagħmlu dan mingħajr aktar dewmien, u jiżguraw li l-NDCs tagħhom ikunu ambizzjużi u allinjati biżżejjed mal-eżiti tal-ewwel rendikont globali; ***jitlob li l-NDCs kollha jintegraw l-objettivi tal-ħolqien ta’ xogħol deċenti, tranżizzjoni ġusta għal kulħadd u d-dimensjonijiet tal-mobbiltà tal-bniedem, inklużi l-ispostament ikkawżat mill-klima u l-mobbiltà tal-bniedem bħala strateġija ta’ adattament;***

Or. en

Emenda 58
Alexandr Vondra

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

3. Jinnota li l-iskadenza ta' Frar 2025 għas-sottomissjoni tal-NDCs li jistabbilixxu l-miri tal-2035 ma ntlaħqitx mill-maġġoranza l-kbira tal-partijiet, inkluża l-UE, u frazzjoni biss tal-partijiet ippreżentaw il-miri tagħhom sal-iskadenza oriġinali; jilqa' l-fatt li, mill-COP30 f'Belém, 108 pajjiżi li jkopru 71 % tal-emissjonijiet globali fl-aħħar mill-aħħar kienu ppreżentaw NDCs ġodda, filwaqt li jirrikonoxxi li għad hemm diskrepanzi sinifikanti; ***jistieden lill-partijiet kollha li għad iridu jippreżentaw jew jaġġornaw l-NDCs tagħhom biex jagħmlu dan mingħajr aktar dewmien, u jiżguraw li l-NDCs tagħhom ikunu ambizzjużi u allinjati biżżejjed mal-eżiti tal-ewwel rendikont globali;***	3. Jinnota li l-iskadenza ta' Frar 2025 għas-sottomissjoni tal-NDCs li jistabbilixxu l-miri tal-2035 ma ntlaħqitx mill-maġġoranza l-kbira tal-partijiet, inkluża l-UE, u frazzjoni biss tal-partijiet ippreżentaw il-miri tagħhom sal-iskadenza oriġinali; jilqa' l-fatt li, mill-COP30 f'Belém, 108 pajjiżi li jkopru 71 % tal-emissjonijiet globali fl-aħħar mill-aħħar kienu ppreżentaw NDCs ġodda, filwaqt li jirrikonoxxi li għad hemm diskrepanzi sinifikanti;

Or. en

Emenda 59
Emma Wiesner, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. ***Jinnota*** li l-iskadenza ta' Frar 2025 għas-sottomissjoni tal-NDCs li jistabbilixxu l-miri tal-2035 ma ntlaħqitx mill-maġġoranza l-kbira tal-partijiet, inkluża l-UE, u frazzjoni biss tal-partijiet ippreżentaw il-miri tagħhom sal-iskadenza oriġinali; jilqa' l-fatt li, mill-COP30 f'Belém, 108 pajjiżi li jkopru 71 % tal-emissjonijiet globali fl-aħħar mill-aħħar kienu ppreżentaw NDCs ġodda, filwaqt li jirrikonoxxi li għad hemm diskrepanzi sinifikanti; jistieden lill-partijiet kollha li għad iridu jippreżentaw jew jaġġornaw l-NDCs tagħhom biex jagħmlu dan mingħajr aktar dewmien, u jiżguraw li l-NDCs tagħhom ikunu ambizzjużi u allinjati biżżejjed mal-eżiti tal-ewwel rendikont	3. ***Jesprimi dispjaċir*** li l-iskadenza ta' Frar 2025 għas-sottomissjoni tal-NDCs li jistabbilixxu l-miri tal-2035 ma ntlaħqitx mill-maġġoranza l-kbira tal-partijiet, inkluża l-UE, u frazzjoni biss tal-partijiet ippreżentaw il-miri tagħhom sal-iskadenza oriġinali; jilqa' l-fatt li, mill-COP30 f'Belém, 108 pajjiżi li jkopru 71 % tal-emissjonijiet globali fl-aħħar mill-aħħar kienu ppreżentaw NDCs ġodda, filwaqt li jirrikonoxxi li għad hemm diskrepanzi sinifikanti; jistieden lill-partijiet kollha li għad iridu jippreżentaw jew jaġġornaw l-NDCs tagħhom biex jagħmlu dan mingħajr aktar dewmien, u jiżguraw li l-NDCs tagħhom ikunu ambizzjużi u allinjati biżżejjed mal-eżiti tal-ewwel rendikont

globali;	globali;

Or. en

Emenda 60
Alexandr Vondra
f'isem il-Grupp ECR

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jisħaq li l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni u rispons relatati mal-eżiti tar-Rendikont Globali (GST) issehħ f'kuntest nazzjonali u reġjonali differenti; jenfasizza l-eżistenza ta' sfidi u ostakli persistenti għall-implimentazzjoni tal-partijiet relatati mal-mitigazzjoni tal-GST, b'mod partikolari l-lakuni teknoloġiċi, ir-restrizzjonijiet tal-kapaċità, l-aċċess limitat għar-riżorsi materjali, il-kostijiet tal-finanzjament u l-isfidi strutturali usa';

Or. en

Emenda 61
Alexandr Vondra
f'isem il-Grupp ECR

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jisħaq li l-COP31 ***timmarka fażi*** ta' implimentazzjoni ***importanti*** wara l-mandati tar-rendikont globali u li ***huma meħtieġa*** sforz kollettiv u azzjonijiet konkreti ulterjuri ***mill-partijiet kollha*** biex tingħalaq id-diskrepanza fl-emissjonijiet, u l-emittenti ewlenin jerfgħu responsabbiltà partikolari f'dan ir-rigward;	5. Jisħaq li l-COP31 ***uriet diverġenzi ewlenin dwar il-fażi*** ta' implimentazzjoni ***u l-limiti tagħha*** wara l-mandati tar-rendikont globali u li sforz kollettiv u azzjonijiet konkreti ulterjuri biex tingħalaq id-diskrepanza fl-emissjonijiet, u l-emittenti ewlenin jerfgħu responsabbiltà partikolari f'dan ir-rigward***, huma limitati***

minn tensjonijiet globali u multilateraliżmu;

Or. en

Emenda 62
Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jisħaq li l-COP31 timmarka fażi ta' implimentazzjoni importanti wara l-mandati tar-rendikont globali u li huma meħtieġa sforz kollettiv u azzjonijiet konkreti ulterjuri mill-partijiet kollha biex tingħalaq id-diskrepanza fl-emissjonijiet, u l-emittenti ewlenin jerfgħu responsabbiltà partikolari f'dan ir-rigward;	5. Jisħaq li l-COP31 timmarka fażi ta' implimentazzjoni importanti wara l-mandati tar-rendikont globali u li huma meħtieġa sforz kollettiv u azzjonijiet konkreti ulterjuri mill-partijiet kollha biex tingħalaq id-diskrepanza fl-emissjonijiet, u l-emittenti ewlenin ***u storiċi*** jerfgħu responsabbiltà partikolari f'dan ir-rigward;

Or. en

Emenda 63
Heléne Fritzon, Mohammed Chahim, Annalisa Corrado, Javi López, César Luena, Sakis Arnaoutoglou, Delara Burkhardt, Tiemo Wölken

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jinnota li l-COP31 se timmarka l-bidu tal-proċess tar-Rendikont Globali li jmiss; jissottolinja l-importanza li r-Rendikont Globali jkun infurmat mill-aqwa xjenza disponibbli; jappoġġja skeda ta' żmien fejn il-pubblikazzjoni tas-seba' rapport ta' valutazzjoni tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima tista' tiġi integrata fit-tfassil tar-Rendikont Globali; jenfasizza li l-qafas tar-Rendikont Globali għandu jinkorpora dimensjonijiet trażversali bħall-

ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-drittijiet tal-bniedem, l-inklużjoni soċjali u l-protezzjoni tal-ekosistema;

Or. en

Emenda 64
Pär Holmgren

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Ifakkar li fl-ewwel Rendikont Globali, il-Partijiet għall-UNFCCC impenjaw ruħhom biex jikkontribwixxu għall-isforz globali biex il-kapaċità tal-enerġija rinnovabbli globalment titrippla u r-rata annwali medja globali tat-titjib fl-effiċjenza enerġetika tirdoppja sal-2030; jibqa' mħasseb dwar il-progress insuffiċjenti lejn l-ilħuq ta' dawn il-miri; jissottolinja li huwa essenzjali li l-COP31 tibni fuq dawn il-miri, tieħu deċiżjonijiet konkreti dwar l-implimentazzjoni tagħhom u tieħu miżuri addizzjonali jekk jibqa' jkun hemm diskrepanza fl-ambizzjoni;

Or. en

Emenda 65
Alexandr Vondra
f'isem il-Grupp ECR

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. ***Jesprimi dispjaċir kbir għad-deċiżjoni*** tal-Gvern tal-Istati Uniti li jirtira, għat-tieni darba, mill-Ftehim ta' Pariġi; ***itenni l-appella tiegħu biex l-Istati Uniti***	6. ***Jinnota d-deċiżjoni*** tal-Gvern tal-Istati Uniti li jirtira, għat-tieni darba, mill-Ftehim ta' Pariġi;

jikkunsidraw mill-ġdid l-irtirar tagħhom, u jikkontribwixxu s-sehem ġust tagħhom għall-isforz globali biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima u għall-finanzjament globali għall-klima f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi, speċjalment fir-rigward tar-responsabbiltà tagħhom, abbażi tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra kumulattivi tal-passat tagħhom;

Or. en

Emenda 66
Pär Holmgren

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jesprimi dispjaċir kbir għad-deċiżjoni tal-Gvern tal-Istati Uniti li jirtira, għat-tieni darba, mill-Ftehim ta' Pariġi; itenni l-appella tiegħu biex l-Istati Uniti jikkunsidraw mill-ġdid l-irtirar tagħhom, u jikkontribwixxu s-sehem ġust tagħhom għall-isforz globali biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima u għall-finanzjament globali għall-klima f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi, speċjalment fir-rigward tar-responsabbiltà tagħhom, abbażi tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra kumulattivi tal-passat tagħhom;	6. Jesprimi dispjaċir kbir għad-deċiżjoni tal-Gvern tal-Istati Uniti li jirtira, għat-tieni darba, mill-Ftehim ta' Pariġi; itenni l-appella tiegħu biex l-Istati Uniti jikkunsidraw mill-ġdid l-irtirar tagħhom, u jikkontribwixxu s-sehem ġust tagħhom għall-isforz globali biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima u għall-finanzjament globali għall-klima f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi, speċjalment fir-rigward tar-responsabbiltà tagħhom, abbażi tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra kumulattivi tal-passat tagħhom; ***jissottolinja r-responsabbiltà partikolari u l-interess strateġiku tal-UE li tipprovdi tmexxija u terġa' tikseb il-fiduċja fl-azzjoni klimatika globali;***

Or. en

Emenda 67
Heléne Fritzon, Mohammed Chahim, Annalisa Corrado, Javi López, César Luena, Sakis Arnaoutoglou, Delara Burkhardt, Tiemo Wölken

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 6a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jilqa' t-tnedija tal-Aġenda ta' Azzjoni Globali tal-Presidenza tal-COP31 u t-tħabbira li matul l-COP31 se jiġu nnegozjati għadd ta' miri ċari u li jistgħu jitkejlu; jappoġġja bis-sħiħ l-għan li titħaffef it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa billi tiżdied ir-rata globali tal-elettrifikazzjoni; jappoġġja bis-sħiħ l-istabbiliment ta' miri għat-tnaqqis tal-iskart globali, inklużi l-emissjonijiet tal-metan derivati mill-iskart, fit-triq għal skart żero; jappoġġja bis-sħiħ l-għan li tiġi avvanzata l-industrijalizzazzjoni ekoloġika u li tiġi appoġġjata l-ekonomija ċirkolari billi tiżdied ir-rata globali tal-użu ċirkolari tal-materjali; jappoġġja bis-sħiħ l-istabbiliment ta' miri għat-tnaqqis tal-intensità tal-konsum tal-enerġija fis-settur tal-bini; jistieden lill-Partijiet kollha jikkontribwixxu għal miri stabbiliti fl-għoli u jimpenjaw ruħhom bis-sħiħ għall-implimentazzjoni;

Or. en

Emenda 68
Lídia Pereira

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jirrikonoxxi, madankollu, li l-ħruġ tal-Gvern tal-Istati Uniti mill-Ftehim ta' Pariġi kellu impatt limitat fuq it-trajettorja ġenerali tal-ambizzjoni klimatika globali, bil-maġġoranza l-kbira tal-pajjiżi jżommu u jsaħħu l-impenji tagħhom għall-għanijiet tal-Ftehim; jirrikonoxxi wkoll li, minkejja l-pożizzjoni tal-gvern federali, għadd sinifikanti ta' stati, bliet u reġjuni tal-Istati Uniti qed

ikomplu javvanzaw l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni tagħhom stess, filwaqt li jikkontribwixxu għall-azzjoni klimatika globali permezz tar-riċerka, l-innovazzjoni u l-involviment sostnut mal-komunità internazzjonali;

Or. en

Emenda 69
Sebastian Everding

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-COP31 se ssir fit-Turkija minkejja t-tħassib kontinwu dwar it-trattament tal-annimali li jgħixu fit-triq, inkluż rapporti ta' qtil mifrux ta' klieb tat-triq wara l-implimentazzjoni tal-liġi dwar l-annimali tal-2024; jisħaq li r-rispett għall-benesseri tal-annimali jifforma parti integrali mill-iżvilupp sostenibbli u r-responsabilità ambjentali;

Or. en

Emenda 70
Pär Holmgren

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li s-Seba' Rapport ta' Valutazzjoni (AR7) tal-IPCC mhuwiex mistenni li jiġi ppublikat qabel tmiem l-2029, filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza potenzjali tar-Rapport ta' Valutazzjoni għall-ħidma fuq ir-rendikont globali li jmiss jekk dan jiġi ppublikat

qabel;

Or. en

Emenda 71
Emma Wiesner, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jistieden lill-Istati Uniti u lill-atturi mhux governattivi jkomplu jimpenjaw ruħhom fil-kooperazzjoni internazzjonali dwar il-klima, inkluż fil-COP, minkejja l-irtirar imħabbar tal-gvern tal-Istati Uniti mill-Ftehim ta' Pariġi;

Or. en

Emenda 72
Alexandr Vondra
f'isem il-Grupp ECR

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jisħaq li ***l-mitigazzjoni***, permezz ta' tnaqqis ***ambizzjuż u sostnut*** fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra***, trid tibqa' fil-qalba tan-negozjati*** tal-COP***, u*** jistieden lill-partijiet kollha jiżguraw li l-impenji u l-azzjonijiet tagħhom jirriflettu ***dan ir-rwol importanti***;	7. Jisħaq li ***l-isforzi ta' mitigazzjoni***, permezz ta' tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra ***fin-negozjati*** tal-COP ***għandhom isiru prammatiċi filwaqt li jirrispettaw il-kuntest u l-kundizzjonijiet nazzjonali differenti;*** jistieden lill-partijiet kollha jiżguraw li l-impenji u l-azzjonijiet tagħhom jirriflettu ***l-ħtieġa li jitqiesu l-aspetti soċjali u ekonomiċi***;

Or. en

Emenda 73
Lídia Pereira

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jilqa' d-Deċiżjoni ta' Belém Mutirão u l-kontribut tagħha għat-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika kollettiva; jappoġġja b'mod partikolari l-istabbiliment tal-Aċċelleratur tal-Implimentazzjoni Globali bħala mekkaniżmu konkret biex jassisti lill-Partijiet jittraduċu l-Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali u l-pjanijiet ta' adattament tagħhom f'azzjoni effettiva fil-prattika; jissottolinja l-importanza ta' dan il-mekkaniżmu bħala pass sinifikattiv 'il quddiem biex jitnaqqas id-distakk bejn l-impenji politiċi u l-implimentazzjoni fid-dinja reali, u jistieden lill-Partijiet kollha jinvolvu ruħhom b'mod attiv miegħu u jiżguraw l-operazzjonalizzazzjoni sħiħa tiegħu qabel ir-Rendikont Globali li jmiss;

Or. en

Emenda 74
Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jilqa' l-adozzjoni mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tar-riżoluzzjoni li tapprova l-Opinjoni Konsultattiva tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja dwar it-tibdil fil-klima, u jqis li dan huwa pass importanti lejn l-integrazzjoni tal-ġustizzja klimatika, l-obbligu ta' rendikont u d-drittijiet tal-bniedem fir-reġim multilaterali tal-klima; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri

tagħha jappoġġjaw b'mod attiv l-implimentazzjoni ta' din ir-riżoluzzjoni qabel il-COP31, inkluż permezz ta' impenji aktar b'saħħithom għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, aktar finanzjament għall-klima u l-eliminazzjoni gradwali aċċellerata tal-fjuwils fossili;

Or. en

Emenda 75
Emma Wiesner, Martin Hojsík, Sigrid Friis, Jeannette Baljeu

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jenfasizza l-importanza tas-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) bħala l-aktar għodda klimatika effettiva biex jitnaqqsu l-emissjonijiet b'mod kosteffettiv; jenfasizza li l-ETS irnexxielha tnaqqas l-emissjonijiet fl-UE b'47 % fl-2023 meta mqabbla mal-livelli tal-2005;

Or. en

Emenda 76
Heléne Fritzon, Mohammed Chahim, Annalisa Corrado, Javi López, César Luena, Sakis Arnaoutoglou, Delara Burkhardt, Tiemo Wölken

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jenfasizza l-ħtieġa li titħaffef l-azzjoni dwar il-mitigazzjoni, inkluż permezz tal-avvanz tal-programm ta' ħidma dwar il-mitigazzjoni (MWP); jissottolinja l-importanza li dawn l-isforzi jikkontribwixxu għat-tnaqqis reali tal-emissjonijiet;

Or. en

Emenda 77
Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jisħaq li l-elettrifikazzjoni rapida tas-setturi tal-użu finali, inklużi t-trasport, il-bini u l-industrija, hija indispensabbli biex jintlaħqu l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi u titnaqqas id-dipendenza mill-fjuwils fossili; jistieden lill-Partijiet fil-COP31 jimpenjaw ruħhom li jaċċelleraw l-użu ta' sistemi tal-elettriku bbażati fuq sorsi rinnovabbli, jimmodernizzaw u jespandu l-grilji tal-elettriku, itejbu l-effiċjenza enerġetika u jiżguraw aċċess għal elettriku nadif bi prezz raġonevoli; jenfasizza li l-istrateġiji ta' elettrifikazzjoni jridu jkunu akkumpanjati minn salvagwardji soċjali b'saħħithom, investiment pubbliku, żvilupp tal-ħiliet u miżuri li jiggarantixxu tranżizzjoni ġusta għall-ħaddiema u l-komunitajiet affettwati mit-tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili;

Or. en

Emenda 78
Emma Wiesner, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jilqa' l-fatt li skont il-Bank Dinji, ftit aktar minn 29 % tal-emissjonijiet globali issa huma koperti mill-ipprezzar tal-karbonju; jesprimi dispjaċir,

madankollu, għall-fatt li kemm il-livelli tal-kopertura kif ukoll il-livelli medji tal-ipprezzar għadhom baxxi wisq biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fil-Ftehim ta' Pariġi; jenfasizza li l-ipprezzar tal-karbonju jżid id-dħul li għandu jintuża għall-azzjoni klimatika u għal tranżizzjoni ġusta;

Or. en

Emenda 79
Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7c (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7c. Jieħu nota tal-objettiv tal-Presidenza tal-COP31 li żżid is-sehem tad-domanda finali għall-enerġija ssodisfata mill-elettriku minn ftit aktar minn 20 % fil-ġurnata tal-lum għal 35 % sal-2035; jisħaq li dan l-objettiv għandu jiġi appoġġjat minn pjanijiet ta' implimentazzjoni speċifiċi għas-settur, stadji importanti li jistgħu jitkejlu u oqfsa ta' rapportar trasparenti, u għandu jiġi segwit flimkien mal-espansjoni rapida tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli u t-titjib fl-effiċjenza enerġetika f'konformità mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi u l-eżiti tal-ewwel Rendikont Globali;

Or. en

Emenda 80
Emma Wiesner, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7c (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

7c. Jilqa' l-intenzjoni tal-koospitanti tal-COP31 li jistabbilixxu għan globali tal-elettrifikazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi mira ċara tal-UE dwar l-elettrifikazzjoni qabel il-COP31;

Or. en

Emenda 81
Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7d (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7d. Jilqa' l-inizjattiva tal-Presidenza tal-COP31 biex tindirizza l-impatti klimatiċi dejjem akbar tal-iskart u l-konsum tar-riżorsi, inkluż l-objettiv tagħha li tnaqqas bin-nofs it-tkabbir previst fil-ġenerazzjoni globali tal-iskart sal-2035; jinnota, madankollu, li t-tnaqqis tar-rata ta' tkabbir tal-ġenerazzjoni tal-iskart mhuwiex ekwivalenti għat-tnaqqis tal-ġenerazzjoni assoluta tal-iskart, u għalhekk jistieden lill-Partijiet jaħdmu lejn tnaqqis assolut fil-ġenerazzjoni tal-iskart fuq perjodu ta' żmien medju; jissottolinja li kwalunkwe impenn bħal dan għandu jkun ibbażat fuq ix-xjenza, appoġġjat minn miri kwantifikati u metodoloġiji komuni u jagħti prijorità lill-prevenzjoni tal-iskart fuq ir-rimi; jistieden lill-Partijiet jintegraw miżuri tal-ekonomija ċirkolari fl-istrateġiji klimatiċi u fl-NDCs tagħhom, filwaqt li jibnu fuq l-implimentazzjoni tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 12;

Or. en

Emenda 82
Pär Holmgren

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 4

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili	Tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili ***(TAFF)***

Or. en

Emenda 83
Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7e (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7e. Ifakkar li l-aktar enerġija nadifa u rħisa hija l-enerġija li ma tiġix ikkunsmata; jisħaq li l-isforzi għad-dekarbonizzazzjoni tas-sistemi tal-enerġija jridu jkunu akkumpanjati minn miżuri ambizzjużi biex titnaqqas id-domanda ġenerali għall-enerġija, b'mod partikolari f'pajjiżi b'introjtu għoli b'livelli għoljin b'mod sproporzjonat ta' konsum tar-riżorsi u tal-enerġija; jisħaq li t-tnaqqis tad-domanda għall-enerġija permezz tal-iffrankar tal-enerġija, l-effiċjenza enerġetika u l-miżuri ta' suffiċjenza enerġetika jridu jibqgħu pilastru ċentrali tal-azzjoni klimatika flimkien mal-użu ta' teknoloġiji tal-enerġija nadifa; jistieden lill-Partijiet jintegraw miżuri min-naħa tad-domanda fl-NDCs u fl-istrateġiji fit-tul tagħhom;

Or. en

Emenda 84
Pär Holmgren

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 8

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Iħeġġeġ lill-partijiet kollha jwettqu l-ftehim tal-COP30 biex tiġi aċċellerata l-implimentazzjoni tal-kunsens tal-EGħM; Jilqa' s-sottomissjoni tal-UE għall-pjan direzzjonali tal-Presidenza tal-COP30 dwar it-tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili b'mod ġust, ordnat u ekwu;	8. Iħeġġeġ lill-partijiet kollha jwettqu l-ftehim tal-COP30 biex tiġi aċċellerata l-implimentazzjoni tal-kunsens tal-EGħM***; jisħaq li l-inizjattiva tal-Presidenza tal-COP30 dwar Pjan Direzzjonali għal Tranżizzjoni lil hinn mill-Fjuwils Fossili (TAFF) u l-Ewwel Konferenza Internazzjonali tat-TAFF li saret fil-Kolombja f'April 2026 huma u għandhom jibqgħu proċessi komplementari, bl-għan aħħari li jinfurmaw u jikkontribwixxu għall-konferenzi tal-UNFCCC u tal-Ftehim ta' Pariġi***; jilqa' s-sottomissjoni ***tal-UE*** għall-pjan direzzjonali tal-Presidenza tal-COP30 dwar it-tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili b'mod ġust, ordnat u ekwu; ***iħeġġeġ lill-Partijiet kollha jappoġġjaw proċess ċar, ambizzjuż u trasparenti fil-COP31, li permezz tiegħu l-Partijiet kollha jaqblu li jiżviluppaw pjan direzzjonali globali tat-TAFF qabel il-konklużjoni tat-tieni Rendikont Globali, infurmat mill-aħħar xjenza disponibbli u l-ħtieġa li jitkomplew l-isforzi biex iż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali peress li dan inaqqas b'mod sinifikanti r-riskji u l-impatti tat-tibdil fil-klima;***

Or. en

Emenda 85
Alexandr Vondra
f'isem il-Grupp ECR

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. ***Iħeġġeġ lill-partijiet kollha jwettqu*** l-ftehim tal-COP30 biex tiġi aċċellerata l-implimentazzjoni tal-kunsens tal-EGħM;	8. ***Jinnota*** l-ftehim tal-COP30 biex tiġi aċċellerata l-implimentazzjoni tal-kunsens tal-EGħM; ***jinnota*** s-sottomissjoni

jilqa' s-sottomissjoni tal-UE għall-pjan direzzjonali tal-Presidenza tal-COP30 dwar it-tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili b'mod ġust, ordnat u ekwu;	tal-UE għall-pjan direzzjonali tal-Presidenza tal-COP30 dwar it-tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili b'mod ġust, ordnat u ekwu ***li għandha tirrispetta u tqis il-kundizzjonijiet nazzjonali u reġjonali diversi***;

Or. en

Emenda 86
Heléne Fritzon, Mohammed Chahim, Annalisa Corrado, Javi López, César Luena, Sakis Arnaoutoglou, Delara Burkhardt, Tiemo Wölken

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Iħeġġeġ lill-partijiet kollha jwettqu l-ftehim tal-COP30 biex tiġi aċċellerata l-implimentazzjoni tal-kunsens tal-EGħM; jilqa' s-sottomissjoni tal-UE għall-pjan direzzjonali tal-Presidenza tal-COP30 dwar it-tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili b'mod ġust, ordnat u ekwu;	8. Iħeġġeġ lill-partijiet kollha jwettqu l-ftehim tal-COP30 biex tiġi aċċellerata l-implimentazzjoni tal-kunsens tal-EGħM; jilqa' s-sottomissjoni tal-UE għall-pjan direzzjonali tal-Presidenza tal-COP30 dwar it-tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili b'mod ġust, ordnat u ekwu; ***iħeġġeġ lill-Partijiet kollha javvanzaw il-pjan direzzjonali dwar it-tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili u jdaħħluh fin-negozjati uffiċjali tal-COP31;***

Or. en

Emenda 87
Emma Wiesner, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Iħeġġeġ lill-partijiet kollha jwettqu l-ftehim tal-COP30 biex tiġi aċċellerata l-implimentazzjoni tal-kunsens tal-EGħM; jilqa' s-sottomissjoni tal-UE għall-pjan direzzjonali tal-Presidenza tal-COP30 dwar	8. Iħeġġeġ lill-partijiet kollha jwettqu l-ftehim tal-COP30 biex tiġi aċċellerata l-implimentazzjoni tal-kunsens tal-EGħM; jilqa' s-sottomissjoni tal-UE għall-pjan direzzjonali tal-Presidenza tal-COP30 dwar

it-tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili b'mod ġust, ordnat u ekwu;	it-tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili b'mod ġust, ordnat u ekwu; ***jitlob impenji politiċi aktar b'saħħithom mill-Partijiet dwar l-eliminazzjoni gradwali tal-fjuwils fossili;***

Or. en

Emenda 88
Marie-Luce Brasier-Clain, Mathilde Androuët, Anne-Sophie Frigout, Valérie Deloge, Viktória Ferenc, Barbara Bonte

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Ifakkar li l-COP30 ġiet konkluża mingħajr ma ssemmew b'mod espliċitu l-fjuwils fossili fil-ftehim finali;

Or. fr

Emenda 89
Heléne Fritzon, Mohammed Chahim, Annalisa Corrado, Javi López, César Luena, Sakis Arnaoutoglou, Delara Burkhardt, Tiemo Wölken

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jilqa' l-eżitu tal-Ewwel Konferenza dwar it-Tranżizzjoni lil hinn mill-Fjuwils Fossili ***fil-Kolombja*** f'April 2026; jenfasizza f'dan ir-rigward l-importanza tal-koalizzjoni ta' min jidħol l-ewwel; jistieden lill-UE ssegwi l-eżitu u tikkoordina mal-koalizzjoni ta' min jidħol l-ewwel qabel il-konferenzi tal-UNFCCC;	9. Jilqa' l-eżitu tal-Ewwel Konferenza dwar it-Tranżizzjoni lil hinn mill-Fjuwils Fossili ***li saret f'Santa Marta, il-Kolombja*** f'April 2026 ***bħala pass storiku u rivoluzzjonarju fid-diplomazija dwar il-klima, li laqqgħet flimkien 57 pajjiż - li jirrappreżentaw madwar terz tal-PDG globali - flimkien mal-Popli Indiġeni, ix-xjenzati, it-trade unions, il-komunitajiet tal-ewwel linja, il-movimenti taż-żgħażagħ u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; jilqa' b'mod partikolari t-tnedija fil-Konferenza ta' bord xjentifiku***

internazzjonali ġdid biex jipprovdi analiżi ddedikata, aġli u speċifika għall-pajjiż b'appoġġ għat-tranżizzjoni tal-enerġija, komplementari għall-IPCC; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jkollhom rwol attiv u ewlieni biex imexxu 'l quddiem il-proċess ta' Santa Marta qabel il-COP31, inkluż billi jinsistu għal impenji konkreti dwar ir-riforma tal-finanzjament tal-fjuwils fossili, il-ħelsien mid-dejn għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-eliminazzjoni tas-sussidji għall-fjuwils fossili; jenfasizza f'dan ir-rigward l-importanza tal-koalizzjoni ta' min jidħol l-ewwel; jistieden lill-UE ssegwi l-eżitu u tikkoordina mal-koalizzjoni ta' min jidħol l-ewwel qabel il-konferenzi tal-UNFCCC;

Or. en

Emenda 90
Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jilqa' l-eżitu tal-Ewwel Konferenza dwar it-Tranżizzjoni lil hinn mill-Fjuwils Fossili fil-Kolombja f'April 2026; jenfasizza f'dan ir-rigward l-importanza ***tal-koalizzjoni*** ta' min jidħol l-ewwel; jistieden lill-UE ssegwi l-eżitu u tikkoordina mal-koalizzjoni ta' min jidħol l-ewwel qabel il-konferenzi tal-UNFCCC;	9. Jilqa' l-eżitu tal-Ewwel Konferenza dwar it-Tranżizzjoni lil hinn mill-Fjuwils Fossili fil-Kolombja f'April 2026***, jifraħ lill-Kolombja u lin-Netherlands talli organizzaw din il-konferenza storika u jfaħħar il-kontinwazzjoni tal-proċess inkluż permezz tat-Tieni Konferenza fl-2027***; jenfasizza f'dan ir-rigward l-importanza ***tal-koalizzjonijiet*** ta' min jidħol l-ewwel; jistieden lill-UE ssegwi l-eżitu u tikkoordina mal-koalizzjoni ta' min jidħol l-ewwel***,*** qabel il-konferenzi tal-UNFCCC***, inkluż permezz ta' kooperazzjoni msaħħa dwar il-politiki ta' eliminazzjoni gradwali tal-fjuwils fossili, miżuri ta' tranżizzjoni ġusta u l-użu tal-enerġija rinnovabbli***;

Or. en

Emenda 91
Sigrid Friis, Martin Hojsík

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jilqa' l-eżitu tal-Ewwel Konferenza dwar it-Tranżizzjoni lil hinn mill-Fjuwils Fossili fil-Kolombja f'April 2026; jenfasizza f'dan ir-rigward l-importanza tal-koalizzjoni ta' min jidħol l-ewwel; jistieden lill-UE ssegwi l-eżitu u tikkoordina mal-koalizzjoni ta' min jidħol l-ewwel qabel il-konferenzi tal-UNFCCC;	9. Jilqa' l-eżitu tal-Ewwel Konferenza dwar it-Tranżizzjoni lil hinn mill-Fjuwils Fossili fil-Kolombja f'April 2026; jenfasizza f'dan ir-rigward l-importanza tal-koalizzjoni ta' min jidħol l-ewwel; jistieden lill-UE ssegwi l-eżitu u tikkoordina mal-koalizzjoni ta' min jidħol l-ewwel qabel il-konferenzi tal-UNFCCC ***b'perkorsi marbuta biż-żmien biex tintemm l-espansjoni tal-fjuwils fossili u tiġi aċċellerata l-eliminazzjoni gradwali tal-produzzjoni eżistenti***; ***jissottolinja li d-dewmien kontinwu jirriskja li jimblokka d-dipendenza ġdida mill-fjuwils fossili, idgħajjef l-azzjoni klimatika u s-sigurtà tal-enerġija.***

Or. en

Emenda 92
Emma Wiesner, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jilqa' l-eżitu tal-Ewwel Konferenza dwar it-Tranżizzjoni lil hinn mill-Fjuwils Fossili fil-Kolombja f'April 2026; jenfasizza f'dan ir-rigward l-importanza tal-koalizzjoni ta' min jidħol l-ewwel; jistieden lill-UE ssegwi l-eżitu u tikkoordina mal-koalizzjoni ta' min jidħol l-ewwel qabel il-konferenzi tal-UNFCCC;	9. Jilqa' l-eżitu tal-Ewwel Konferenza dwar it-Tranżizzjoni lil hinn mill-Fjuwils Fossili fil-Kolombja f'April 2026; jenfasizza f'dan ir-rigward l-importanza tal-koalizzjoni ta' min jidħol l-ewwel; jistieden lill-UE ssegwi l-eżitu u tikkoordina mal-koalizzjoni ta' min jidħol l-ewwel***,*** qabel il-konferenzi tal-UNFCCC***,*** ***b'impenn politiku ċar dwar il-perkorsi u l-iskedi ta' żmien għall-eliminazzjoni***

gradwali tal-fjuwils fossili u s-sussidji għall-fjuwils fossili;

Or. en

Emenda 93
Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jistieden lill-Partijiet jiżviluppaw pjanijiet marbuta biż-żmien biex jeliminaw gradwalment is-sussidji għall-fjuwils fossili u l-produzzjoni tal-fjuwils fossili li jagħmlu ħsara lill-ambjent; jisħaq li l-pajjiżi żviluppati jridu jkunu minn ta' quddiem fit-tnaqqis rapidu tal-produzzjoni u l-konsum tal-fjuwils fossili filwaqt li jipprovdu appoġġ finanzjarju u teknoloġiku adegwat lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

Or. en

Emenda 94
Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9b (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9b. Jisħaq li l-investimenti f'infrastruttura ġdida tal-fjuwils fossili jirriskjaw li joħolqu intrappolament tal-karbonju u assi mhux rekuperabbli;

Or. en

Emenda 95

Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9c (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9c. Jesprimi tħassib dwar l-investimenti kontinwi fl-infrastruttura tal-gass fossili u fil-kapaċità tal-importazzjoni tal-gass naturali likwifikat; ifakkar li l-gass fossili mhuwiex soluzzjoni ta' tranżizzjoni sostenibbli u jwissi kontra politiki li jirriskjaw li jdewmu l-varar rapidu tal-enerġija rinnovabbli u tal-miżuri tal-effiċjenza enerġetika;

Or. en

Emenda 96
Daniel Buda

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Ifakkar fl-importanza tat-tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili b'mod ġust, ordnat u ekwu; jistieden lill-Partijiet għall-UNFCCC ***jiżviluppaw trattat dwar in-nonproliferazzjoni tal-fjuwils fossili u pjanijiet marbuta biż-żmien biex jiġu eliminati gradwalment is-sussidji*** għall-fjuwils fossili u ***l-produzzjoni tal-fjuwils fossili***;	10. Ifakkar fl-importanza tat-tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili b'mod ġust, ordnat u ekwu; jistieden lill-Partijiet għall-UNFCCC ***jaċċelleraw l-azzjoni lejn id-dekarbonizzazzjoni tas-sistemi tal-enerġija, permezz tal-użu ta' teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, filwaqt li jiżguraw is-sigurtà, l-affordabbiltà u l-kompetittività tal-enerġija, jappoġġjaw it-tnaqqis gradwali tas-sussidji ineffiċjenti*** għall-fjuwils fossili u ***jqisu ċ-ċirkostanzi nazzjonali, is-sigurtà tal-provvista, u l-prinċipju tan-newtralità teknoloġika***;

Or. en

Emenda 97
Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Ifakkar fl-importanza tat-tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili b'mod ġust, ordnat u ekwu; jistieden lill-Partijiet għall-UNFCCC jiżviluppaw trattat dwar in-nonproliferazzjoni tal-fjuwils fossili u pjanijiet marbuta biż-żmien biex jiġu eliminati gradwalment is-sussidji għall-fjuwils fossili u l-produzzjoni tal-fjuwils fossili;	10. Ifakkar fl-importanza tat-tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili b'mod ġust, ordnat u ekwu; jistieden lill-Partijiet għall-UNFCCC jiżviluppaw trattat dwar in-nonproliferazzjoni tal-fjuwils fossili u pjanijiet marbuta biż-żmien biex jiġu eliminati gradwalment is-sussidji għall-fjuwils fossili u l-produzzjoni tal-fjuwils fossili ***u jħeġġeġ lill-Istati Membri jissieħbu fin-negozjati lejn trattat bħal dan***;

Or. en

Emenda 98
Heléne Fritzon, Mohammed Chahim, Annalisa Corrado, Javi López, César Luena, Sakis Arnaoutoglou, Delara Burkhardt, Tiemo Wölken

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Ifakkar fl-importanza tat-tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili b'mod ġust, ordnat u ekwu; jistieden lill-Partijiet għall-UNFCCC jiżviluppaw trattat dwar in-nonproliferazzjoni tal-fjuwils fossili u pjanijiet marbuta biż-żmien biex jiġu eliminati gradwalment is-sussidji għall-fjuwils fossili u l-produzzjoni tal-fjuwils fossili;	10. Ifakkar fl-importanza tat-tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili b'mod ġust, ordnat u ekwu; jistieden lill-Partijiet għall-UNFCCC jiżviluppaw trattat dwar in-nonproliferazzjoni tal-fjuwils fossili u pjanijiet marbuta biż-żmien biex jiġu eliminati gradwalment is-sussidji għall-fjuwils fossili u l-produzzjoni tal-fjuwils fossili; ***iħeġġeġ il-waqfien ta' investimenti ġodda fl-estrazzjoni tal-fjuwils fossili;***

Or. en

Emenda 99
Marie-Luce Brasier-Clain, Mathilde Androuët, Anne-Sophie Frigout, Valérie Deloge, Jorge Buxadé Villalba, Viktória Ferenc, Barbara Bonte

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Ifakkar fl-importanza tat-tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili b'mod ġust, ordnat u ekwu***; jistieden lill-Partijiet għall-UNFCCC jiżviluppaw trattat dwar in-nonproliferazzjoni tal-fjuwils fossili u pjanijiet marbuta biż-żmien biex jiġu eliminati gradwalment is-sussidji għall-fjuwils fossili u l-produzzjoni tal-fjuwils fossili***;	10. Ifakkar fl-importanza tat-tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili b'mod ġust, ordnat u ekwu***, filwaqt li jiġu protetti l-unitajiet domestiċi l-aktar vulnerabbli; jesprimi tħassib, f'dan ir-rigward, dwar il-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tal-implimentazzjoni futura tal-ETS2***;

Or. fr

Emenda 100
Emma Wiesner, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Ifakkar fl-importanza tat-tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili b'mod ġust, ordnat u ekwu; jistieden lill-Partijiet għall-UNFCCC jiżviluppaw trattat dwar in-nonproliferazzjoni tal-fjuwils fossili u pjanijiet marbuta biż-żmien biex jiġu eliminati gradwalment is-sussidji għall-fjuwils fossili u l-produzzjoni tal-fjuwils fossili;	10. Ifakkar fl-importanza tat-tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili b'mod ġust, ordnat u ekwu; jistieden lill-Partijiet għall-UNFCCC jiżviluppaw trattat dwar in-nonproliferazzjoni tal-fjuwils fossili u pjanijiet marbuta biż-żmien biex jiġu eliminati gradwalment is-sussidji għall-fjuwils fossili u l-produzzjoni tal-fjuwils fossili ***mill-aktar fis, bl-UE tieħu rwol ta' tmexxija***;

Or. en

Emenda 101
Pär Holmgren

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jisħaq li l-protezzjoni tal-investiment fil-fjuwils fossili, inklużi d-dispożizzjonijiet dwar Soluzzjoni ta’ Tilwim bejn Investituri u Stati (ISDS) fit-trattati dwar il-kummerċ u l-investiment, tibqa’ wieħed mill-aktar ostakli sinifikanti għal azzjoni klimatika ambizzjuża u tranżizzjoni ġusta lil hinn mill-fjuwils fossili; jilqa’ l-irtirar koordinat mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija u jistieden lill-Istati Membri li għadhom ma għamlux dan biex javvanzaw b’mod urġenti bl-irtirar individwali tagħhom; iħeġġeġ lill-Unjoni u lill-Istati Membri tagħha jieħdu rwol ta’ tmexxija fit-tnedija, sa mhux aktar tard mit-Tieni Konferenza Internazzjonali dwar it-Tranżizzjoni lil Hinn mill-Fjuwils Fossili, ta’ koalizzjoni internazzjonali ta’ pajjiżi biex jaħdmu b’risq l-irtirar kollettiv minn ftehimiet kummerċjali u ta’ investiment jew in-negozjar mill-ġdid tagħhom bl-għan li jitneħħew id-dispożizzjonijiet dwar is-soluzzjoni ta’ tilwim bejn investituri u stati (ISDS) relatati mal-fjuwils fossili u kwalunkwe forma oħra ta’ protezzjoni tal-investimenti fil-fjuwils fossili, filwaqt li jiġu newtralizzati l-klawżoli ta’ estinzjoni; jistieden lill-Istati Membri jagħtu eżempju billi sa mhux aktar tard mill-COP31, iħabbru l-intenzjoni tagħhom li jinnegozjaw mill-ġdid it-trattati bilaterali kollha tagħhom dwar l-investiment li għad fihom dispożizzjonijiet tal-ISDS għall-investimenti fil-fjuwils fossili;

Or. en

Emenda 102
Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jisħaq li s-sussidji globali għall-fjuwils fossili jkomplu jfixklu s-swieq tal-enerġija u jdewmu t-tranżizzjoni lejn sistemi tal-enerġija rinnovabbli; jistieden lill-Unjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu, mingħajr dewmien, skedi ta' żmien ċari, trasparenti u soċjalment ġusti għall-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji kollha għall-fjuwils fossili li jagħmlu ħsara lill-ambjent, inklużi sussidji diretti u indiretti, eżenzjonijiet mit-taxxa u mekkaniżmi ta' kapaċità li jappoġġjaw il-produzzjoni u l-konsum tal-fjuwils fossili;

Or. en

Emenda 103
Annalisa Corrado, Heléne Fritzon

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa u tippreżenta, qabel il-COP31, strateġija esterna komprensiva li tappoġġja t-tranżizzjoni globali lil hinn mill-fjuwils fossili, inkluża kooperazzjoni msaħħa mal-pajjiżi li jipproduċu l-fjuwils fossili, appoġġ għad-diversifikazzjoni ekonomika, l-użu tal-enerġija rinnovabbli u perkorsi ta' żvilupp sostenibbli konsistenti mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi;

Or. en

Emenda 104

Marie-Luce Brasier-Clain, Mathilde Androuët, Anne-Sophie Frigout, Valérie Deloge, Viktória Ferenc, Barbara Bonte

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jinnota li l-gass jista' jkollu rwol tranżitorju deċiżiv fid-dawl tad-dipendenza qawwija fuq il-faħam u l-injam, speċjalment fir-reġjuni li ma għandhomx il-mezzi ta' varar fuq skala kbira ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli jew ta' enerġija nukleari fuq perjodu ta' żmien qasir;

Or. fr

Emenda 105
Heléne Fritzon, Mohammed Chahim, Annalisa Corrado, Javi López, César Luena, Sakis Arnaoutoglou, Delara Burkhardt, Tiemo Wölken

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jenfasizza l-vulnerabbiltajiet ikkawżati mid-dipendenza fuq il-fjuwils fossili fi żmien ta' instabbiltà ġeopolitika globali; jissottolinja l-importanza tad-dekarbonizzazzjoni għall-awtonomija strateġika;

Or. en

Emenda 106
Emma Wiesner, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

10a. Jistieden lill-UE tmexxi b'eżempju tajjeb u tistabbilixxi qafas vinkolanti għal eliminazzjoni gradwali transsettorjali u fl-ekonomija kollha tal-fjuwils fossili, li jikkomplementa l-politiki eżistenti;

Or. en

Emenda 107
Heléne Fritzon, Mohammed Chahim, Annalisa Corrado, Javi López, César Luena, Sakis Arnaoutoglou, Delara Burkhardt, Tiemo Wölken

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10b (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10b. Iqis li l-mekkaniżmi għas-soluzzjoni ta' tilwim bejn investituri u stati (ISDS), inkorporati f'aktar minn 2 500 trattat ta' investiment, jirrappreżentaw wieħed mill-aktar ostakli legali sinifikanti u sottovalutati għat-tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili; jilqa' l-ħruġ tal-UE u ta' għadd ta' Stati Membri tal-UE mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija; jistieden lill-partijiet kollha tal-COP31 jittrattaw ir-riforma tal-ISDS bħala kwistjoni klimatika;

Or. en

Emenda 108
Annalisa Corrado, Heléne Fritzon

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10b (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10b. Jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb it-trasparenza fir-rigward tal-evoluzzjoni mistennija tad-domanda u l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili tal-UE matul id-deċennji li ġejjin, sabiex

tipprovdi prevedibbiltà akbar għall-pajjiżi sħab u tiffaċilita l-ippjanar ta' strateġiji ta' diversifikazzjoni ekonomika fit-tul f'ekonomiji dipendenti mill-fjuwils fossili;

Or. en

Emenda 109
Emma Wiesner, Martin Hojsík

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10b (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10b. Ifakkar li s-Soluzzjoni ta' Tilwim bejn Investituri u Stati (ISDS) spiss qed tintuża minn kumpaniji tal-enerġija multinazzjonali biex jitolbu danni għal politiki ambjentali u klimatiċi bħat-tmiem tal-estrazzjonijiet tal-fjuwils fossili, u b'hekk qed tikkawża ffriżar regolatorju u tnaqqas l-ispazju fiskali biex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima;

Or. en

Emenda 110
Emma Wiesner, Martin Hojsík

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10c (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10c. Ifakkar li l-UE u diversi Stati Membri ħarġu mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija minħabba li s-soluzzjoni ta' tilwim bejn investituri u stati (ISDS) li tinsab fih hija meqjusa inkompatibbli mal-obbligi u l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi; iħeġġeġ lill-Partijiet jabolixxu l-ISDS billi jirrieżaminaw it-trattati eżistenti u ma jinkludux l-ISDS fi ftehimiet ġodda; jistieden lill-UE u lill-

Istati Membri tagħha fil-COP31 jimmobilizzaw ġabra ta' Partijiet biex flimkien jinsistu għal riforma tal-ISDS;

Or. en

Emenda 111
Annalisa Corrado, Heléne Fritzon

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10c (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10c. Iħeġġeġ l-istabbiliment ta' djalogi strutturati bejn il-pajjiżi li jipproduċu l-fjuwils fossili u dawk li jikkunsmawh bl-għan li jappoġġjaw tranżizzjoni ġusta, ordnata u ekwa lil hinn mill-fjuwils fossili, inkluż permezz ta' kooperazzjoni fl-investiment, skambju tat-teknoloġija u inizjattivi ta' diversifikazzjoni ekonomika;

Or. en

Emenda 112
Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Ifakkar li d-diskrepanza fil-finanzjament globali tal-klima bejn dak li huwa meħtieġ u dak li huwa pprovdut bħalissa hija sinifikanti u qed tikber;	11. Ifakkar li d-diskrepanza fil-finanzjament globali tal-klima bejn dak li huwa meħtieġ u dak li huwa pprovdut bħalissa hija sinifikanti u qed tikber; ***jinnota bi tħassib ir-Rapport tal-UNEP dwar id-Diskrepanza fl-Adattament tal-2025, li jistma li d-diskrepanza fil-finanzjament għall-adattament hija ta' USD 310–365 biljun fis-sena sal-2035, filwaqt li l-flussi ta' finanzjament għall-adattament lejn il-pajjiżi li qed jiżviluppaw għadhom staġnati; jenfasizza li l-livelli***

	attwali ta' finanzjament għall-klima għadhom 'il bogħod milli jissodisfaw il-ħtiġijiet identifikati mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw u mhumiex biżżejjed biex jappoġġjaw tranżizzjoni globali ġusta u ekwa. Jisħaq li l-kost tan-nuqqas ta' azzjoni huwa mistenni li jkun ogħla b'mod sinifikanti mill-investimenti meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi u jinbnew ekonomiji reżiljenti għat-tibdil fil-klima;

Or. en

Emenda 113
Pär Holmgren

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. ***Ifakkar*** li d-diskrepanza fil-finanzjament globali tal-klima bejn dak li huwa meħtieġ u dak li huwa pprovdut bħalissa hija sinifikanti u qed tikber;	11. ***Jisħaq*** li d-diskrepanza fil-finanzjament globali tal-klima bejn dak li huwa meħtieġ u dak li huwa pprovdut bħalissa hija sinifikanti u qed tikber ***u jitlob li din id-diskrepanza tiġi indirizzata b'mod urġenti***; ***jenfasizza li l-għoti ta' finanzjament adegwat għall-klima huwa kruċjali biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, ifakkar li l-NDCs ta' ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw jiddependu mill-finanzjament internazzjonali għall-klima;***

Or. en

Emenda 114
Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

12. Jinnota l-fatt li l-UE u l-Istati Membri tagħha huma l-akbar fornituri ta' finanzjament pubbliku għall-klima, u jipprovdu madwar terz tal-finanzjament pubbliku globali għall-klima, u l-UE u l-Istati Membri tagħha pprovdew EUR 31,7 biljun minn sorsi pubbliċi fl-2024, u ġew immobilizzati EUR 11-il biljun f'finanzjament privat[13] ;	12. Jinnota l-fatt li l-UE u l-Istati Membri tagħha huma l-akbar fornituri ta' finanzjament pubbliku għall-klima, u jipprovdu madwar terz tal-finanzjament pubbliku globali għall-klima, u l-UE u l-Istati Membri tagħha pprovdew EUR 31,7 biljun minn sorsi pubbliċi fl-2024, u ġew immobilizzati EUR 11-il biljun f'finanzjament privat[13]; ***jisħaq, madankollu, li l-livelli eżistenti ta' finanzjament għall-klima għadhom insuffiċjenti biex jissodisfaw l-iskala tal-ħtiġijiet globali ta' mitigazzjoni, adattament u telf u ħsara; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jkomplu jżidu l-kontribuzzjonijiet tal-finanzjament għall-klima, b'mod partikolari fil-forma ta' għotjiet u finanzjament konċessjonali ħafna, filwaqt li jiżguraw li l-finanzjament għall-klima jkun ġdid u addizzjonali għall-assistenza uffiċjali għall-iżvilupp;***
[13] Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 27 ta' Ottubru 2025, stqarrija għall-istampa.	[13] Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 27 ta' Ottubru 2025, stqarrija għall-istampa.

Or. en

Emenda 115
Emma Wiesner, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jinnota l-fatt li l-UE u l-Istati Membri tagħha huma l-akbar fornituri ta' finanzjament pubbliku għall-klima, u jipprovdu madwar terz tal-finanzjament pubbliku globali għall-klima, u l-UE u l-Istati Membri tagħha pprovdew EUR 31,7 biljun minn sorsi pubbliċi fl-2024, u ġew immobilizzati EUR 11-il biljun f'finanzjament privat[13] ;	12. Jinnota l-fatt li l-UE u l-Istati Membri tagħha huma l-akbar fornituri ta' finanzjament pubbliku għall-klima, u jipprovdu madwar terz tal-finanzjament pubbliku globali għall-klima, u l-UE u l-Istati Membri tagħha pprovdew EUR 31,7 biljun minn sorsi pubbliċi fl-2024, u ġew immobilizzati EUR 11-il biljun f'finanzjament privat***, jitlob lill-UE u lill-Istati Membri jżidu l-***

finanzjament għall-klima bħala parti mill-baġit tal-UE u l-baġits nazzjonali, u jimmobilizzaw il-finanzjament privat għall-klima, lejn l-għan kollettiv kwantifikat il-ġdid (NCQG)[13];

[13] Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 27 ta' Ottubru 2025, stqarrija għall-istampa.

[13] Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 27 ta' Ottubru 2025, stqarrija għall-istampa.

Or. en

Emenda 116
Pär Holmgren

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jistieden lill-Partijiet kollha jikkontribwixxu s-sehem ġust tagħhom biex jintlaħaq l-għan kollettiv kwantifikat il-ġdid (NCQG), li għandu jinkludi għanijiet sekondarji għall-finanzjament għall-mitigazzjoni u l-adattament u għat-telf u l-ħsara; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jżidu l-finanzjament ġdid u addizzjonali għall-klima, permezz ta' mekkaniżmu ta' finanzjament pubbliku tal-UE ddedikat u prevedibbli, u jtenni t-talba tiegħu biex il-baġits tal-UE u dawk nazzjonali jiġu adattati biex jissodisfaw l-NCQG miftiehem, sabiex l-UE tagħti s-sehem ġust tagħha ta' finanzjament internazzjonali għall-klima, speċjalment fir-rigward tar-responsabbiltà tagħha, abbażi tal-emissjonijiet kumulattivi tal-passat ta' gassijiet serra; iqis li l-NCQG jirrappreżenta l-limitu inferjuri għall-mobilizzazzjoni tal-finanzjament għall-klima;

Or. en

Emenda 117
Pär Holmgren

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12b (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12b. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-għan kollettiv kwantifikat il-ġdid (NCQG) li qed jintlaħaq billi jiġu kkategorizzati mill-ġdid fondi oħra; jindika wkoll tħassib dwar l-ambigwità b'rabta mat-tipi ta' finanzjament li jikkontribwixxu għall-NCQG, b'mod partikolari l-kwistjoni tal-għadd doppju;

Or. en

Emenda 118
Pär Holmgren

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12c (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12c. Jisħaq li l-adattament mhuwiex iffinanzjat biżżejjed, u li l-għan kollettiv kwantifikat il-ġdid (NCQG) ma jirrispondix biżżejjed għall-ħtiġijiet ta' finanzjament għall-adattament; jenfasizza l-importanza tal-finanzi pubbliċi internazzjonali b'mod partikolari fir-rigward tal-ħtieġa ta' adattament u l-indirizzar tat-telf u l-ħsara;

Or. en

Emenda 119
Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jinnota li ħafna pajjiżi vulnerabbli għall-klima, inklużi diversi mill-pajjiżi l-anqas żviluppati, jinsabu f'diffikultà ta' dejn jew f'riskju sinifikanti ta' dejn moruż, li jnaqqas l-effettività tal-finanzjament internazzjonali għall-klima;	13. Jinnota li ħafna pajjiżi vulnerabbli għall-klima, inklużi diversi mill-pajjiżi l-anqas żviluppati, jinsabu f'diffikultà ta' dejn jew f'riskju sinifikanti ta' dejn moruż, li jnaqqas l-effettività tal-finanzjament internazzjonali għall-klima; ***jitlob il-kanċellazzjoni u r-ristrutturar komprensivi ta' dejn għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma vulnerabbli għall-klima u li qed jiffaċċjaw pożijiet ta' dejn mhux sostenibbli; jappoġġja l-istabbiliment ta' mekkaniżmu multilaterali effettiv ta' ristrutturar tad-dejn sovran taħt l-awspiċji tan-Nazzjonijiet Uniti; jitlob li jiżdiedu l-iskambji ta' dejn għall-klima u ta' dejn għan-natura u li l-finanzjament għall-klima jiġi pprovdut primarjament fil-forma ta' għotjiet aktar milli self, sabiex jiġi evitat li l-vulnerabbiltajiet tad-dejn ikomplu jaggravaw;***

Or. en

Emenda 120
Pär Holmgren

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jinnota li ħafna pajjiżi vulnerabbli għall-klima, inklużi diversi mill-pajjiżi l-anqas żviluppati, jinsabu f'diffikultà ta' dejn jew f'riskju sinifikanti ta' dejn moruż, li jnaqqas l-effettività tal-finanzjament internazzjonali għall-klima;	13. Jinnota li ħafna pajjiżi vulnerabbli għall-klima, inklużi diversi pajjiżi l-anqas żviluppati, jinsabu f'diffikultà ta' dejn jew f'riskju sinifikanti ta' diffikultà ta' dejn, li jnaqqas l-effettività tal-finanzjament internazzjonali għall-klima***, itenni għalhekk li l-finanzjament għall-klima għandu jiġi allokat b'mod li ma jaggravax il-piż tad-dejn tagħhom, filwaqt li tingħata prijorità lill-finanzjament ibbażat fuq l-għotjiet***; ***jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jivvalutaw l-għażliet tagħhom biex jikkontribwixxu ħalli jtaffu***

din id-diffikultà ta' dejn u jieħdu azzjoni rilevanti mingħajr dewmien;

Or. en

Emenda 121
Heléne Fritzon, Mohammed Chahim, Annalisa Corrado, Javi López, César Luena, Sakis Arnaoutoglou, Delara Burkhardt, Tiemo Wölken

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jinnota li ħafna pajjiżi vulnerabbli għall-klima, inklużi diversi mill-pajjiżi l-anqas żviluppati, jinsabu f'diffikultà ta' dejn jew f'riskju sinifikanti ta' dejn moruż, li jnaqqas l-effettività tal-finanzjament internazzjonali għall-klima;	13. Jinnota li ħafna pajjiżi vulnerabbli għall-klima, inklużi diversi mill-pajjiżi l-anqas żviluppati, jinsabu f'diffikultà ta' dejn jew f'riskju sinifikanti ta' dejn moruż, li jnaqqas l-effettività tal-finanzjament internazzjonali għall-klima; ***jissottolinja l-importanza li ssir enfasi fuq il-kwalità tal-finanzi, filwaqt li jiġi żgurat li jkunu aċċessibbli u bi prezz raġonevoli mingħajr ma jinħolqu pożijiet tad-dejn akbar għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw;***

Or. en

Emenda 122
Pär Holmgren

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jisħaq li hemm kunsens fost il-korpi tan-NU li l-finanzjament għall-klima ma jistax jiżdied b'mod ekwu sakemm ma tiġix indirizzata l-kriżi tad-dejn; jenfasizza l-importanza, f'dan il-kuntest, tal-istrumenti għas-serħan mid-dejn;

Or. en

Emenda 123
Pär Holmgren

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13b (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13b. Jistieden lill-Partijiet, meta jiffinanzjaw l-għan kollettiv kwantifikat il-ġdid (NCQG), jagħtu prijorità lill-istrumenti u l-miżuri li huma bbażati fuq l-għotjiet u li ma jwasslux għad-dejn sabiex jiżguraw li l-pajjiżi riċevituri jkunu jistgħu jimplimentaw il-miżuri ta' mitigazzjoni u adattament meħtieġa mingħajr ma jżidu l-piż tad-dejn tagħhom;

Or. en

Emenda 124
Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jilqa' t-tnedija tal-qafas globali tal-obbligu ta' rendikont tal-finanzjament għall-klima fil-COP30, imfassal biex isaħħaħ it-trasparenza, il-kredibbiltà u l-fiduċja fit-twettiq tal-finanzjament għall-klima;	14. Jilqa' t-tnedija tal-qafas globali tal-obbligu ta' rendikont tal-finanzjament għall-klima fil-COP30, imfassal biex isaħħaħ it-trasparenza, il-kredibbiltà u l-fiduċja fit-twettiq tal-finanzjament għall-klima; ***jenfasizza l-importanza ta' metodoloġiji ta' rapportar robusti, armonizzati u aċċessibbli għall-pubbliku biex jiġi żgurat li l-impenji ta' finanzjament għall-klima jiġu traċċati u vvalutati b'mod preċiż; jitlob regoli kontabilistiċi ċari biex jiġi evitat l-għadd doppju u biex issir distinzjoni bejn għotjiet, finanzjament konċessjonali u self b'rata tas-suq;***

Or. en

Emenda 125
Pär Holmgren

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li l-proċeduri ta' finanzjament għall-klima jiġu ssimplifikati, imħaffa u adattati għar-realtajiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari billi jiġu stabbiliti punti ta' aċċess għal tieqa unika, jiġu armonizzati l-kriterji ta' applikazzjoni u tiġi pprovduta assistenza teknika għat-tħejjija tal-proġetti, biex jiġi żgurat li l-finanzjament għall-klima jkun aċċessibbli, rapidu u effettiv għall-organizzazzjonijiet u l-komunitajiet lokali li huma l-aktar affettwati mit-tibdil fil-klima;

Or. en

Emenda 126
Annalisa Corrado, Heléne Fritzon

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jisħaq li l-kredibbiltà tal-impenji internazzjonali tal-Unjoni dwar il-klima tiddependi mir-riżorsi finanzjarji adegwati taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss; jitlob li l-objettivi tal-klima u tal-bijodiversità jibqgħu komponent ċentrali tal-QFP li jmiss, inkluż permezz ta' mira ambizzjuża għall-integrazzjoni tal-klima fin-nefqa tal-Unjoni u fl-istrumenti ta' azzjoni esterna;

Or. en

Emenda 127
Emma Wiesner, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Ifakkar fl-impenn tal-Liġi tal-UE dwar il-Klima favur finanzjament akbar għall-proġetti tal-Artikolu 6; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' kooperazzjoni globali dwar l-istabbiliment ta' standards ta' kwalità għolja u l-iżgurar tat-trasparenza, l-integrità klimatika u l-evitar tal-għadd doppju; iħeġġeġ il-ħtieġa ta' mekkaniżmi tal-UE għax-xiri ordnat, koordinat u appoġġjat mix-xjenza ta' krediti internazzjonali bħal dawn;

Or. en

Emenda 128
Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jenfasizza l-Pont għall-Implimentazzjoni tal-Klima mħabbar mill-Presidenza tal-COP31 bħala għodda biex jitnaqqas id-distakk bejn il-miri ta' finanzjament għall-klima u l-investimenti tanġibbli, filwaqt li jiġi żgurat li s-soluzzjonijiet ta' finanzjament sostenibbli għall-klima jkunu jistgħu jitwettqu b'mod aktar rapidu u effiċjenti;

Or. en

Emenda 129
Pär Holmgren

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14b (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14b. Itenni t-talba tiegħu biex l-operazzjonalizzazzjoni tal-Artikolu 2.1(c) tal-Ftehim ta' Pariġi ssir punt permanenti fuq l-aġendi tal-COP; jitlob lill-UE tinvolvi ruħha f'inizjattivi internazzjonali bħall-Inizjattiva 3.0 ta' Bridgetown; jitlob riforma aktar rapida tal-arkitettura finanzjarja internazzjonali, u jistieden lill-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali ewlenin kollha u lill-banek multilaterali tal-iżvilupp jassumu r-rwol tagħhom bħala banek klimatiċi u jallinjaw il-portafolli u l-politiki ta' self tagħhom mal-Ftehim ta' Pariġi b'mod li jkun finanzjarjament sostenibbli fit-tul; jistieden ukoll lis-sistemi finanzjarji domestiċi u internazzjonali jindirizzaw aħjar l-isfidi tat-tibdil fil-klima billi jneħħu l-ostakli biex jiġi aċċessat il-finanzjament għall-klima għal teknoloġiji nodfa u billi jċaqilqu l-flussi finanzjarji pubbliċi u privati lil hinn minn attivitajiet b'intensività ta' emissjonijiet;

Or. en

Emenda 130
Annalisa Corrado, Heléne Fritzon

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14b (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14b. Jitlob li l-istrument futur Ewropa Globali jkompli jappoġġja l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-bini tar-reżiljenza u l-protezzjoni tal-bijodiversità, b'mod partikolari fil-pajjiżi l-anqas żviluppati u

fir-reġjuni vulnerabbli għall-klima, filwaqt li jżomm it-tnaqqis tal-faqar bħala objettiv ewlieni tal-azzjoni esterna tal-UE;

Or. en

Emenda 131
Pär Holmgren

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14c (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14c. Iqis li l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) għandu jservi bħala l-bank klimatiku tal-Unjoni u jieħu nota għalhekk tal-pjan direzzjonali tal-bank klimatiku tiegħu u tal-politika aġġornata dwar is-self fis-settur tal-enerġija, kif ukoll l-isforzi addizzjonali tal-Fond Ewropew tal-Investiment, bħala passi importanti fit-tmexxija tal-investiment fil-klima;

Or. en

Emenda 132
Heléne Fritzon, Mohammed Chahim, Annalisa Corrado, Javi López, César Luena, Sakis Arnaoutoglou, Delara Burkhardt, Tiemo Wölken

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jinnota bi tħassib li s-sitt rapport ta' valutazzjoni tal-IPCC jistma li madwar 3,3 sa 3,6 biljun persuna jgħixu f'kuntesti li huma vulnerabbli ħafna għat-tibdil fil-klima;

Or. en

Emenda 133
Danuše Nerudová

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jissottolinja l-ħtieġa li jiżdiedu l-adattament, ir-reżiljenza u t-tħejjija għat-tibdil fil-klima fl-UE u globalment sabiex jiġu mminimizzati l-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima u t-telfien tal-bijodiversità;	15. Jissottolinja l-ħtieġa li jiżdiedu l-adattament, ir-reżiljenza u t-tħejjija għat-tibdil fil-klima fl-UE u globalment sabiex jiġu mminimizzati l-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima u t-telfien tal-bijodiversità; ***jisħaq b'mod partikolari fuq l-urġenza li jiġu żviluppati strateġiji komprensivi għall-prevenzjoni, il-ġestjoni u l-irkupru minn eventi ta' temp estrem bħall-għargħar u n-nirien fil-foresti, filwaqt li jiġi żgurat li muniċipalitajiet iżgħar u reġjuni rurali jkollhom appoġġ finanzjarju u tekniku adegwat biex jagħmlu dan;***

Or. en

Emenda 134
Martin Hojsík, Sigrid Friis, Yvan Verougstraete

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jissottolinja l-ħtieġa li jiżdiedu l-adattament, ir-reżiljenza u t-tħejjija għat-tibdil fil-klima fl-UE u globalment sabiex jiġu mminimizzati l-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima u t-telfien tal-bijodiversità;	15. Jissottolinja l-ħtieġa li jiżdiedu l-adattament, ir-reżiljenza u t-tħejjija għat-tibdil fil-klima fl-UE u globalment sabiex jiġu mminimizzati l-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima u t-telfien tal-bijodiversità; ***Jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tfassal pakkett leġiżlattiv għall-adattament għat-tibdil fil-klima, b'enfasi qawwija fuq approċċi bbażati fuq in-natura u l-ekosistemi, biex l-UE ssir aktar reżiljenti;***

Or. en

Emenda 135
Sirpa Pietikäinen

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jissottolinja l-ħtieġa li jiżdiedu l-adattament, ir-reżiljenza u t-tħejjija għat-tibdil fil-klima fl-UE u globalment sabiex jiġu mminimizzati l-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima u t-telfien tal-bijodiversità;	15. Jissottolinja l-ħtieġa li jiżdiedu l-adattament, ir-reżiljenza u t-tħejjija għat-tibdil fil-klima fl-UE u globalment sabiex jiġu mminimizzati l-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima u t-telfien tal-bijodiversità; ***jisħaq li l-adattament għat-tibdil fil-klima jiddependi minn ekosistemi b'saħħithom u jissottolinja l-ħtieġa ta' adattament ibbażat fuq l-ekosistema;***

Or. en

Emenda 136
Alexandr Vondra
f'isem il-Grupp ECR

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jissottolinja l-ħtieġa li ***jiżdiedu l-adattament***, ir-reżiljenza u t-tħejjija għat-tibdil fil-klima fl-UE u globalment sabiex jiġu mminimizzati l-effetti negattivi ***tat-tibdil fil-klima u t-telfien tal-bijodiversità***;	15. Jissottolinja l-ħtieġa li ***jittieħed approċċ prammatiku għall-adattament***, ir-reżiljenza u t-tħejjija għat-tibdil fil-klima fl-UE u globalment sabiex jiġu mminimizzati l-effetti negattivi ***fuq l-industrija u fuq in-nies***;

Or. en

Emenda 137
Pär Holmgren

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jisħaq li l-kostijiet tal-adattament se jiżdiedu bin-nuqqas ta' azzjoni u bid-dewmien fl-azzjoni, kemm f'termini ta' mitigazzjoni kif ukoll ta' adattament; jirrikonoxxi l-importanza tal-kooperazzjoni globali u l-iskambju tal-għarfien espert u tal-aħjar xjenza disponibbli u tal-aħjar prattiki fl-adattament għat-tibdil fil-klima filwaqt li jenfasizza r-rwol importanti tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet bħala l-aktar adattati għall-kuntest lokali;

Or. en

Emenda 138
Heléne Fritzon, Mohammed Chahim, Annalisa Corrado, Sakis Arnaoutoglou, Delara Burkhardt, Tiemo Wölken

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jisħaq fuq l-importanza li f'dan il-kuntest titqies il-kwistjoni tal-mobbiltà tal-bniedem, u l-ħtieġa li jittieħdu miżuri li jnaqqsu r-riskju ta' spostament, isaħħu r-reżiljenza, jappoġġjaw azzjoni antiċipatorja u twissija bikrija, u jippermettu lin-nies jibqgħu jgħixu b'sigurtà fejn possibbli, jiċċaqilqu b'mod sigur u b'dinjità meta jkun meħtieġ, u jaċċessaw il-protezzjoni u l-assistenza meta jseħħ spostament;

Or. en

Emenda 139
Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 15a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jirrikonoxxi b'mod partikolari fil-COP31 l-impatti tat-tibdil fil-klima fuq stati ġejjer żgħar, ħafna minnhom fir-reġjun tal-Paċifiku, u l-isfidi enormi ta' adattament li qed jiffaċċjaw dawn in-nazzjonijiet; japprezza r-rwol ta' tmexxija li kellhom l-istati ġejjer żgħar fl-iżvilupp tal-Ftehim ta' Pariġi u fl-implimentazzjoni tal-qafas tiegħu;

Or. en

Emenda 140
Annalisa Corrado, Heléne Fritzon

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jisħaq li l-politiki ta' adattament u reżiljenza huma komponenti essenzjali tas-sigurtà tal-klima; jitlob aktar appoġġ għat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri, soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u miżuri ta' tħejjija, b'mod partikolari fir-reġjuni l-aktar esposti għal impatti relatati mal-klima;

Or. en

Emenda 141
Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15b (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15b. Jirrikonoxxi li l-mobbiltà tal-bniedem tista' tkun ukoll strateġija ta'

adattament għat-tibdil ambjentali u fil-klima, inkluż għal komunitajiet vulnerabbli f'riskju ta' spostament u li jiffaċċjaw telf u ħsara relatati mal-klima, meta tkun sikura, ordnata, regolari u rregolata tajjeb; iħeġġeġ lill-Partijiet jintegraw dispożizzjonijiet konkreti dwar il-mobbiltà tal-bniedem fil-Pjanijiet Nazzjonali ta' Adattament tagħhom b'tali mod li jnaqqsu r-riskju ta' spostament, isaħħu r-reżiljenza, jappoġġjaw azzjoni antiċipatorja u sistemi ta' twissija bikrija, u jippermettu lin-nies jibqgħu jgħixu b'sigurtà fejn possibbli, jiċċaqilqu b'mod sigur u b'dinjità meta jkun meħtieġ, u jaċċessaw il-protezzjoni u l-assistenza meta jseħħ spostament;

Or. en

Emenda 142
Pär Holmgren

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15b (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15b. Itenni t-tħassib serju tiegħu dwar l-intensità u l-frekwenza dejjem akbar ta' eventi ta' temp estrem fl-UE u globalment, inklużi n-nirien fis-selvaġġ, in-nixfiet, il-mewġiet ta' sħana u l-għargħar, u l-impatt tagħhom fuq is-saħħa tal-bniedem u ż-żieda fl-imwiet; jinnota li l-livelli tal-baħar huma mistennija li jiżdiedu aktar malajr matul dan is-seklu fix-xenarji kollha tal-IPCC, u dan iwassal għal spejjeż finanzjarji u jikkawża t-telf ta' żoni kostali madwar id-dinja kollha;

Or. en

Emenda 143

Heléne Fritzon, Mohammed Chahim, Annalisa Corrado, Javi López, César Luena, Sakis Arnaoutoglou, Delara Burkhardt, Tiemo Wölken

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15b (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15b. Iħeġġeġ lill-Partijiet kollha jikkontribwixxu għall-avvanz tal-ħidma fuq l-operazzjonalizzazzjoni tal-indikaturi ta' adattament biex tiġi traċċata r-reżiljenza globali u jitkejjel il-progress fl-Għan Globali dwar l-Adattament;

Or. en

Emenda 144
Pär Holmgren

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15c (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15c. Jilqa' l-adozzjoni ta' indikaturi u l-progress fl-operazzjonalizzazzjoni tal-għan globali dwar l-adattament maqbul fil-COP30; jistieden lill-Partijiet kollha jilħqu l-għan miftiehem li jittripplikaw il-finanzjament għall-adattament għat-tibdil fil-klima sal-2035; jitlob li titkompla l-ħidma fil-COP31 dwar l-operazzjonalizzazzjoni u l-implimentazzjoni tal-għan globali dwar l-adattament, filwaqt li jitqies kif xieraq ir-rapport ta' progress tal-2026 dwar il-Pjanijiet Nazzjonali ta' Adattament (NAPs), u jitlob li l-adattament ikun punt permanenti fuq l-aġendi tal-COP;

Or. en

Emenda 145
Pär Holmgren

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15d (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15d. Jistieden lill-Partijiet li għadhom ma għamlux dan biex jistabbilixxu u jippreżentaw il-Pjanijiet Nazzjonali ta' Adattament (NAPs) tagħhom malajr kemm jista' jkun; jistieden lill-Partijiet kollha jagħmlu progress fl-implimentazzjoni tal-NAPs tagħhom sal-2030, u jinkludu enfasi fuq soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura; jistieden lill-Partijiet kollha jintegraw fl-NAPs tagħhom elementi trażversali bħall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-Partijiet kollha jintegraw fl-NAPs tagħhom il-kunsiderazzjoni tar-riskju ta' spostament, it-tisħiħ tar-reżiljenza biex in-nies ikunu jistgħu jibqgħu jgħixu b'sigurtà fejn possibbli, u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet għal mobbiltà tal-bniedem sikura u dinjituża meta jkun meħtieġ, b'aċċess għall-protezzjoni u l-assistenza meta jseħħ spostament;

Or. en

Emenda 146
Pär Holmgren

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15e (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15e. Jappella għal aktar investiment f'sistemi ta' twissija bikrija u sistemi ta' ġestjoni tar-riskju f'reġjuni vulnerabbli, filwaqt li jiġi enfasizzat ir-rwol essenzjali tagħhom fil-protezzjoni tal-ħajja, is-salvagwardja tal-għajxien u t-tisħiħ tar-reżiljenza għar-riskji klimatiċi;

Or. en

Emenda 147
Pär Holmgren

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15f (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15f. Iħeġġeġ appoġġ akbar għall-ġbir, il-kondiviżjoni u l-analiżi tad-data dwar il-klima u r-riskju ta' diżastri, kif ukoll il-varar ta' teknoloġiji xierqa għal dawn l-attivitajiet, sabiex jissaħħu d-disponibbiltà u l-kwalità tal-informazzjoni għall-popolazzjonijiet f'riskju; jirrakkomanda li l-inizjattivi kollha ta' twissija bikrija appoġġjati mill-UE jallokaw riżorsi ddedikati għall-manutenzjoni u l-aġġornamenti kontinwi tas-sistema, speċjalment fid-dawl tal-isfidi globali għall-osservazzjoni u l-proċeduri bbażati fuq ix-xjenza;

Or. en

Emenda 148
Pär Holmgren

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Itenni s-sejħa tiegħu biex it-telf u l-ħsara jkunu punt permanenti tal-aġenda fil-laqgħat tal-COP; jilqa' l-operazzjonalizzazzjoni tal-fond għat-telf u l-ħsara;	16. Itenni s-sejħa tiegħu biex it-telf u l-ħsara jkunu punt permanenti tal-aġenda fil-laqgħat tal-COP; jilqa' l-operazzjonalizzazzjoni tal-fond għat-telf u l-ħsara ***(FRLD)***; ***jesprimi t-tħassib tiegħu dwar is-sottoskrizzjoni insuffiċjenti kontinwa tal-FRLD u l-għadd ta' wegħdiet li għad iridu jiġu ttrasformati fi żborż; jistieden lill-Partijiet kollha jżidu l-finanzjament għat-telf u l-ħsara, filwaqt li***

	jiżguraw wegħdiet trasparenti u mekkaniżmi ta' twettiq prevedibbli; jistieden lill-Partijiet kollha jiżguraw li r-riżorsi diretti għall-fond ikunu żieda għall-kontribuzzjonijiet eżistenti ta' finanzjament għall-klima; jemmen bis-shih li l-finanzjament għat-telf u l-ħsara għandu jagħti prijorità lill-għotjiet u jkun supplimentari għall-għajnuna għall-iżvilupp uffiċjali u distint minnha; jisħaq fuq l-importanza li jiġi rikonoxxut il-karattru distint tat-telf u l-ħsara billi jiġu ttrattati separatament mill-adattament, inkluż fil-qafas tal-GST;

Or. en

Emenda 149
Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Itenni s-sejħa tiegħu biex it-telf u l-ħsara jkunu punt permanenti tal-aġenda fil-laqgħat tal-COP; jilqa' l-operazzjonalizzazzjoni tal-fond għat-telf u l-ħsara;	16. Itenni s-sejħa tiegħu biex it-telf u l-ħsara jkunu punt permanenti tal-aġenda fil-laqgħat tal-COP; jilqa' l-operazzjonalizzazzjoni tal-fond għat-telf u l-ħsara; ***jisħaq, madankollu, li r-riżorsi attwali għadhom ferm taħt il-ħtiġijiet stmati u jitlob li jiżdied malajr l-appoġġ finanzjarju prevedibbli, adegwat u aċċessibbli fil-forma ta' għotjiet għal dawk il-pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma vulnerabbli b'mod partikolari; jitlob li tingħata aktar attenzjoni lill-impatti klimatiċi li jseħħu bil-mod, inklużi ż-żieda fil-livell tal-baħar, id-dežertifikazzjoni u t-telfien tal-bijodiversità;***

Or. en

Emenda 150
Alexandr Vondra

f'isem il-Grupp ECR

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Itenni s-sejħa tiegħu biex it-telf u l-ħsara ***jkunu punt permanenti*** tal-aġenda fil-laqgħat tal-COP***; jilqa' l-operazzjonalizzazzjoni tal-fond għat-telf u l-ħsara***;	16. Itenni t-talba tiegħu biex ***il-punt*** tal-aġenda ***dwar*** it-telf u l-ħsara fil-laqgħat tal-COP ***jiġi indirizzat b'mod trasparenti li jissalvagwardja l-interessi tal-benefiċjarji kollha involuti***;

Or. en

Emenda 151
Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jistieden lill-Partijiet kollha jiżguraw wegħdiet trasparenti u mekkaniżmi eżekuttivi prevedibbli għall-finanzjament tat-telf u l-ħsara; jistieden lill-Partijiet kollha jiżguraw li r-riżorsi diretti għall-fond ikunu żieda għall-kontribuzzjonijiet eżistenti ta' finanzjament għall-klima; jemmen bis-sħiħ li l-finanzjament għat-telf u l-ħsara għandu jagħti prijorità lill-għotjiet u jkun supplimentari għall-għajnuna għall-iżvilupp uffiċjali u distint minnha;

Or. en

Emenda 152
Pär Holmgren

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jistieden lill-partijiet kollha javvanzaw il-programm ta' ħidma għal tranżizzjoni ġusta billi jippromwovu azzjonijiet konkreti biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi li t-tibdil fil-klima huwa magħruf li jaggravaw u biex jiġi żgurat rieżami komprensiv tal-effettività;	17. Jistieden lill-partijiet kollha javvanzaw il-programm ta' ħidma għal tranżizzjoni ġusta billi jippromwovu azzjonijiet konkreti biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi li t-tibdil fil-klima huwa magħruf li jaggravaw u biex jiġi żgurat rieżami komprensiv tal-effettività; ***jilqa' d-deċiżjoni tal-COP30 li jiġi stabbilit il-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta u jistieden lill-partijiet kollha jwettqu l-operazzjonalizzazzjoni ta' dan il-Mekkaniżmu matul il-COP31; iqis li implimentazzjoni ulterjuri għandha tinkludi l-objettivi tal-ħolqien ta' xogħol deċenti u tranżizzjoni ġusta għal kulħadd, inkluż billi jsir investiment fl-iżvilupp tal-ħiliet, fit-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet, inkluż għall-ħaddiema migranti u għall-persuni spostati, u billi jiġi rikonoxxut il-kontribut li l-migranti jistgħu jagħtu għal swieq tax-xogħol reżiljenti; jistieden lill-Partijiet kollha jippromwovu d-djalogu soċjali mal-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi u tal-ħaddiema u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati bħala bażi biex jissawwar kunsens soċjali b'saħħtu;***

Or. en

Emenda 153
Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jistieden lill-partijiet kollha javvanzaw il-programm ta' ħidma għal tranżizzjoni ġusta billi jippromwovu azzjonijiet konkreti biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi li t-tibdil fil-klima huwa magħruf li jaggravaw u biex jiġi żgurat rieżami komprensiv tal-effettività;	17. Jistieden lill-partijiet kollha javvanzaw il-programm ta' ħidma għal tranżizzjoni ġusta billi jippromwovu azzjonijiet konkreti biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi li t-tibdil fil-klima huwa magħruf li jaggravaw u biex jiġi żgurat rieżami komprensiv tal-effettività; ***jissottolinja li l-azzjoni klimatika u l-***

	ġustizzja soċjali jridu jiġu segwiti flimkien u li l-prinċipji ta' tranżizzjoni ġusta għandhom jiġu inkorporati fl-istrateġiji kollha dwar il-klima u l-iżvilupp; jitlob finanzjament pubbliku adegwat biex jiġu appoġġjati l-ħaddiema u l-komunitajiet affettwati mit-tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili u setturi estrattivi oħra, inkluż permezz ta' miżuri ta' protezzjoni soċjali, appoġġ għall-introjtu, opportunitajiet ta' taħriġ mill-ġdid u inizjattivi ta' żvilupp reġjonali; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu rispettati d-drittijiet tax-xogħol, tiġi żgurata parteċipazzjoni sinifikattiva tal-partijiet ikkonċernati, tiġi promossa l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jitnaqqsu l-inugwaljanzi soċjali u ekonomiċi eżistenti fil-pajjiżi u bejniethom;

Or. en

Emenda 154
Heléne Fritzon, Mohammed Chahim, Annalisa Corrado, Javi López, César Luena, Sakis Arnaoutoglou, Delara Burkhardt, Tiemo Wölken

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jistieden lill-partijiet kollha javvanzaw il-programm ta' ħidma għal tranżizzjoni ġusta billi jippromwovu azzjonijiet konkreti biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi li t-tibdil fil-klima huwa magħruf li jaggravaw u biex jiġi żgurat rieżami komprensiv tal-effettività;	17. Jistieden lill-partijiet kollha javvanzaw il-programm ta' ħidma għal tranżizzjoni ġusta billi jippromwovu azzjonijiet konkreti biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi li t-tibdil fil-klima huwa magħruf li jaggravaw u biex jiġi żgurat rieżami komprensiv tal-effettività; ***jissottolinja li dan irid jinkludi miżuri li jappoġġjaw it-tranżizzjoni lejn impjiegi ekoloġiċi, it-taħriġ mill-ġdid, u l-aċċess għan-networks tas-sikurezza soċjali, fost affarijiet oħra;***

Or. en

Emenda 155
Martin Hojsík, Sigrid Friis

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 6a (ġdida)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jissottolinja li aċċess effettiv għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, f'konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus, huwa kruċjali biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi; jemmen li l-UE u l-Istati Membri għandhom imexxu bl-eżempju u japplikaw is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat għall-Konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus, filwaqt li jirrispettaw l-impenji internazzjonali tagħhom stess skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus u l-istat tad-dritt;

Or. en

Emenda 156
Pär Holmgren

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jisħaq li t-tibdil fil-klima qed jhedded id-drittijiet fundamentali u l-benesseri tat-tfal u taż-żgħażagħ; jenfasizza l-ħtieġa li d-drittijiet tat-tfal u l-ekwità intergħenerazzjonali jiġu integrati fl-aspetti kollha tal-politika dwar it-tibdil fil-klima, inklużi l-adattament, il-mitigazzjoni, it-telf u l-ħsara u l-finanzjament għall-klima;

Or. en

Emenda 157
Sirpa Pietikäinen

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. ***Jenfasizza*** li l-UE bħalissa tinsab fid-direzzjoni t-tajba biex tnaqqas l-emissjonijiet netti ta’ gassijiet serra b’madwar 54 % sal-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-1990, jekk l-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ il-miżuri nazzjonali eżistenti u ppjanati u l-politiki tal-UE; jistieden lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ***jindirizzaw*** din id-diskrepanza, u jistieden lill-Kummissjoni tieħu miżuri addizzjonali biex tappoġġja lill-Istati Membri f’dak l-isforz;	18. ***Jinnota*** li l-UE bħalissa tinsab fid-direzzjoni t-tajba biex tnaqqas l-emissjonijiet netti ta’ gassijiet serra b’madwar 54 % sal-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-1990, jekk l-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ il-miżuri nazzjonali eżistenti u ppjanati u l-politiki tal-UE; jistieden lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ***jagħlqu*** din id-diskrepanza, u jistieden lill-Kummissjoni tieħu miżuri addizzjonali biex tappoġġja lill-Istati Membri f’dak l-isforz; ***jisħaq li l-UE jeħtieġ li żżid l-azzjoni klimatika tagħha, u tikseb tnaqqis fl-emissjonijiet u newtralità klimatika qabel l-2050 biex il-politiki jkunu kompatibbli mad-data xjentifika dwar l-għeluq rapidu tat-tieqa ta’ opportunità biex jiġi żgurat futur abitabbli u sostenibbli għal kulħadd;***

Or. en

Emenda 158
Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Abbozz ta’ mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jenfasizza li l-UE bħalissa tinsab fid-direzzjoni t-tajba biex tnaqqas l-emissjonijiet netti ta’ gassijiet serra b’madwar 54 % sal-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-1990, jekk l-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ il-miżuri nazzjonali eżistenti u ppjanati u l-politiki tal-UE; jistieden lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jindirizzaw din id-diskrepanza, u jistieden lill-Kummissjoni tieħu miżuri addizzjonali biex tappoġġja	18. Jenfasizza li l-UE bħalissa tinsab fid-direzzjoni t-tajba biex tnaqqas l-emissjonijiet netti ta’ gassijiet serra b’madwar 54 % sal-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-1990, jekk l-Istati Membri jimplimentaw bis-sħiħ il-miżuri nazzjonali eżistenti u ppjanati u l-politiki tal-UE; ***jinnota bi tħassib, madankollu, li d-data preliminari mill-Eurostat turi li l-emissjonijiet tal-Unjoni żdiedu b’1 % bejn l-2024 u l-2025;*** jistieden lill-Istati Membri

lill-Istati Membri f'dak l-isforz;	jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jindirizzaw din id-diskrepanza, u jistieden lill-Kummissjoni tieħu miżuri addizzjonali biex tappoġġja lill-Istati Membri f'dak l-isforz;

Or. en

Emenda 159
Marie-Luce Brasier-Clain, Mathilde Androuët, Anne-Sophie Frigout, Valérie Deloge, Jorge Buxadé Villalba, Viktória Ferenc, Barbara Bonte

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jinnota li t-tnaqqis fl-emissjonijiet osservat f'ċerti pajjiżi jew setturi huwa l-frott ta' dinamiċi ekonomiċi, teknoloġiċi, industrijali; jinsisti li mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet trid tkun appoġġata neċessarjament minn pjan ta' azzjoni industrijali, tal-enerġija u tal-kummerċ bil-għan li jinkisbu l-inqas effetti avversi possibbli fuq l-impjieg u t-tkabbir;

Or. fr

Emenda 160
Jessica Polfjärd

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jisħaq li l-kisba tan-newtralità klimatika tirrikjedi approċċ teknoloġikament newtrali li jibbaża fuq it-teknoloġiji kollha disponibbli b'livell baxx u żero ta' emissjonijiet tal-karbonju; jirrikonoxxi, f'dan il-kuntest, ir-rwol li l-enerġija nukleari jista' jkollha flimkien mas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli fid-

dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija tal-UE, billi tipprovdi enerġija ta' karga bażika stabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u tappoġġja l-integrazzjoni ta' sorsi rinnovabbli varjabbli fil-grilja;

Or. en

Emenda 161
Jessica Polfjärd

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18b (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18b. Jinnota li diversi Stati Membri qed jestendu l-ħajja tal-impjanti tal-enerġija nukleari eżistenti jew qed jinvestu f'kapaċità nukleari ġdida, inklużi Reatturi Modulari Żgħar (SMRs), bħala parti mill-pjanijiet nazzjonali tagħhom dwar l-enerġija u l-klima; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-enerġija u l-klima u l-istrumenti ta' finanzjament jirrispettaw bis-sħiħ id-dritt ta' kull Stat Membru li jiddetermina l-kundizzjonijiet għall-isfruttament tar-riżorsi tal-enerġija tiegħu, l-għażla tiegħu bejn sorsi differenti ta' enerġija u l-istruttura ġenerali tal-provvista tal-enerġija tiegħu, inkluża l-għażla li jiddependi mill-enerġija nukleari;

Or. en

Emenda 162
Jessica Polfjärd

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18c (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18c. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li t-tranżizzjoni klimatika u enerġetika tal-UE tinkiseb permezz ta' taħlita tal-enerġija diversifikata li tikkombina s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, l-enerġija nukleari u l-miżuri ta' effiċjenza enerġetika, filwaqt li jirrikonoxxu li l-ebda teknoloġija unika waħedha ma tista' twassal il-veloċità u l-iskala tad-dekarbonizzazzjoni meħtieġa; jissottolinja li l-enerġija nukleari hija sors ta' enerġija ppruvat u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju li jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-enerġija u jnaqqas id-dipendenza mill-fjuwils fossili importati;

Or. en

Emenda 163
Jessica Polfjärd

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18d (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18d. Jenfasizza l-ħolqien ta' Reatturi Modulari Żgħar (SMRs) u teknoloġiji nukleari avvanzati oħra bħala mezz biex jiġi aċċellerat l-użu ta' enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u konsenjabbli, inkluż f'reġjuni u setturi industrijali li qabel ma kinux moqdija minn impjanti nukleari konvenzjonali fuq skala kbira; jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita l-istandardizzazzjoni u l-liċenzjar aktar rapidu tad-disinji tal-SMRs fl-Unjoni, filwaqt li żżomm l-ogħla standards ta' sikurezza nukleari;

Or. en

Emenda 164
Jessica Polfjärd

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18e (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18e. Jafferma mill-ġdid li t-tranżizzjoni klimatika tal-UE trid tibqa' teknoloġikament newtrali u tibbaża fuq l-aktar taħlita kosteffettiva ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, enerġija nukleari, effiċjenza enerġetika u soluzzjonijiet ta' ħżin biex tiġi pprovduta sistema tal-enerġija affidabbli, bi prezz raġonevoli u sigura; iwissi kontra approċċi ta' politika li jirriskjaw li joħolqu rbit eċċessiv ma' perkors teknoloġiku uniku għad-detriment tar-reżiljenza ġenerali tas-sistema;

Or. en

Emenda 165
Jessica Polfjärd

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18f (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18f. Jisħaq li l-istrumenti tal-politika dwar il-klima għandhom jitfasslu biex ikunu teknoloġikament newtrali u bbażati fuq ir-riżultati, b'enfasi fuq tnaqqis tal-emissjonijiet li jista' jitkejjel aktar milli fuq il-preskrizzjoni ta' teknoloġiji speċifiċi; iqis li dan l-approċċ jimmassimizza l-kosteffettività, jinkoraġġixxi l-innovazzjoni u jippermetti lis-suq jidentifika l-aktar perkorsi effiċjenti għad-dekarbonizzazzjoni;

Or. en

Emenda 166
Marie-Luce Brasier-Clain, Mathilde Androuët, Anne-Sophie Frigout, Valérie Deloge, Viktória Ferenc, Jorge Buxadé Villalba, Barbara Bonte

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jilqa' l-adozzjoni tal-mira klimatika vinkolanti tal-UE għall-2040 stabbilita mill-att emendatorju għal-Liġi Ewropea dwar il-Klima;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 167
Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jilqa' l-adozzjoni tal-mira klimatika vinkolanti tal-UE għall-2040 stabbilita mill-att emendatorju għal-Liġi Ewropea dwar il-Klima;	19. Jilqa' l-adozzjoni tal-mira klimatika vinkolanti tal-UE għall-2040 stabbilita mill-att emendatorju għal-Liġi Ewropea dwar il-Klima; ***jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-leġiżlazzjoni rilevanti kollha tiġi emendata malajr biex jiġi żgurat l-allinjament ma' din it-trajettorja; iwissi kontra l-użu żejjed tal-flessibbiltajiet biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi tal-UE, bi tnaqqis imdewwem tal-emissjonijiet li jkollu impatti fid-dinja reali, li potenzjalment jipperikola dawn l-għanijiet u jagħmel id-dekarbonizzazzjoni futura aktar diffiċli;***

Or. en

Emenda 168
Emma Wiesner, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 19

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jilqa' l-adozzjoni tal-mira klimatika vinkolanti tal-UE għall-2040 stabbilita mill-att emendatorju għal-Liġi Ewropea dwar il-Klima;	19. Jilqa' l-adozzjoni tal-mira klimatika vinkolanti tal-UE għall-2040 stabbilita mill-att emendatorju għal-Liġi Ewropea dwar il-Klima; ***jesprimi dispjaċir li l-mira tal-2040 mhijiex biżżejjed biex jintlaħaq is-sehem tal-UE ta' tnaqqis tal-emissjonijiet skont il-Ftehim ta' Pariġi, skont il-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima;***

Or. en

Emenda 169
Alexandr Vondra
f'isem il-Grupp ECR

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. ***Jilqa'*** l-adozzjoni tal-mira klimatika vinkolanti tal-UE għall-2040 stabbilita mill-att emendatorju għal-Liġi Ewropea dwar il-Klima;	19. ***Jinnota bi tħassib*** l-adozzjoni tal-mira klimatika vinkolanti tal-UE għall-2040 stabbilita mill-att emendatorju għal-Liġi Ewropea dwar il-Klima;

Or. en

Emenda 170
Martin Hojsík, Sigrid Friis, Yvan Verougstraete

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Ifakkar li skont il-Liġi Ewropea dwar il-Klima, l-azzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri għandhom ikunu ggwidati mill-prinċipji ta' prekawzjoni u ta' "min iniġġes iħallas" stabbiliti fit-

Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u għandhom iqisu wkoll il-prinċipju li "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" tal-Unjoni tal-Enerġija u l-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara" tal-Patt Ekoloġiku Ewropew;

Or. en

Emenda 171
Pär Holmgren

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jinsab imħasseb ħafna li l-UE tinsab ferm lura fir-rigward tal-miri legalment vinkolanti biex jitnaqqsu l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'90 % sal-2040 u biex tintlaħaq in-newtralità klimatika sal-2050, bi projezzjonijiet tal-miżuri attwali u ppjanati li jilħqu biss tnaqqis ta' 69 % sal-2040, u tnaqqis ta' 78 % sal-2050[1a];
	[1a] Ir-rapport tal-EEA 09/2025, "Monitoring report on progress towards the 8th EAP objectives 2025" (Rapport ta' monitoraġġ dwar il-progress lejn l-objettivi tat-tmien EAP)

Or. en

Emenda 172
Pär Holmgren

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19b (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19b. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-

Istati Membri jieħdu azzjoni urġenti biex inaqqsu d-diskrepanza bejn il-miri vinkolanti u l-projezzjonijiet attwali; jappella b'mod partikolari għall-adozzjoni ta' qafas ambizzjuż għal wara l-2030 f'konformità mal-ilħuq tal-mira ta' 90 % tal-2040 u l-mira tan-newtralità klimatika tal-2050, f'konformità mal-għarfien xjentifiku;

Or. en

Emenda 173
Martin Hojsík, Sigrid Friis, Yvan Verougstraete

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19b (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19b. Jinnota li l-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" għandu l-għan li jiżgura l-koerenza tal-politika bejn il-politiki tal-UE;

Or. en

Emenda 174
Pär Holmgren

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19c (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19c. Itenni l-ħtieġa li l-ambizzjoni klimatika tiġi integrata fil-politiki kollha tal-UE u fil-miżuri li jimplimentawhom, u jissottolinja li l-Artikolu 6(2) u 6(4) tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima jobbligaw lill-Kummissjoni tivvaluta jekk il-miżuri, l-abbozzi ta' miżuri u l-proposti leġiżlattivi attwali kollha, inklużi l-proposti baġitarji, humiex konsistenti mal-miri klimatiċi tal-UE; ifakkar li skont il-Liġi Ewropea dwar

il-Klima, l-azzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri għandhom jiġu ggwidati mill-prinċipji ta' prekawzjoni u ta' "min iniġġes iħallas" stabbiliti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u għandhom iqisu wkoll il-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" tal-Unjoni tal-Enerġija u l-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara";

Or. en

Emenda 175
Pär Holmgren

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19d (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19d. Jissottolinja li aċċess effettiv għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, f'konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus, huwa kruċjali biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi; jemmen li l-UE u l-Istati Membri għandhom imexxu bl-eżempju u japplikaw is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat għall-Konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Kummissjoni, l-UE u l-Istati Membri jirrispettaw l-impenji internazzjonali tagħhom stess skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus u l-istat tad-dritt;

Or. en

Emenda 176
Daniel Buda

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jistieden lill-Istati Membri u lill-	20. Jistieden lill-Istati Membri u lill-

Kummissjoni jiżguraw li l-pjanijiet nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima u l-istrateġiji fit-tul tal-Istati Membri jinkludu ***biżżejjed*** azzjoni u mezzi ***finanzjarji*** biex jintlaħqu l-miri tal-UE għall-2030 u lill hinn;	Kummissjoni jiżguraw li l-pjanijiet nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima u l-istrateġiji fit-tul tal-Istati Membri jinkludu azzjoni ***xierqa*** u mezzi ***finanzjarjament sostenibbli*** biex jintlaħqu l-miri tal-UE għall-2030 u lill hinn;

Or. en

Emenda 177
Alexandr Vondra
f'isem il-Grupp ECR

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jistieden ***lill-Istati Membri u*** lill-Kummissjoni ***jiżguraw*** li ***l-pjanijiet nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima u l-istrateġiji fit-tul tal-Istati Membri jinkludu biżżejjed*** azzjoni u ***mezzi finanzjarji*** biex jintlaħqu l-miri tal-UE għall-2030 u lill hinn;	20. Jistieden lill-Kummissjoni ***tiżgura*** li ***kwalunkwe*** azzjoni u ***mezz finanzjarju ulterjuri*** biex jintlaħqu l-miri tal-UE għall-2030 u lil hinn ***ma għandhomx ifixklu l-kompetittività u l-istabbiltà soċjali tal-UE***;

Or. en

Emenda 178
Emma Wiesner, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżguraw li l-pjanijiet nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima u l-istrateġiji fit-tul tal-Istati Membri jinkludu biżżejjed azzjoni u mezzi finanzjarji biex jintlaħqu l-miri tal-UE għall-2030 u lill hinn;	20. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni ***jissottomettu u*** jiżguraw li l-pjanijiet nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima u l-istrateġiji fit-tul tal-Istati Membri jinkludu biżżejjed azzjoni u mezzi finanzjarji biex jintlaħqu l-miri tal-UE għall-2030 u lill hinn;

Or. en

Emenda 179
Pär Holmgren

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżguraw li l-pjanijiet nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima u l-istrateġiji fit-tul tal-Istati Membri jinkludu biżżejjed azzjoni u mezzi finanzjarji biex jintlaħqu l-miri tal-UE għall-2030 ***u lill hinn***;	20. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżguraw li l-pjanijiet nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima u l-istrateġiji fit-tul tal-Istati Membri jinkludu biżżejjed azzjoni u mezzi finanzjarji biex jintlaħqu l-miri tal-UE għall-2030***, l-2040 u l-2050***;

Or. en

Emenda 180
Martin Hojsík, Sigrid Friis

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jenfasizza l-potenzjal mhux sfruttat tal-enerġija ġeotermali biex jintlaħqu l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi u s-sigurtà tal-enerġija tal-UE, billi tiġi pprovduta enerġija rinnovabbli domestika għat-tisħin u d-dekarbonizzazzjoni industrijali; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-UE tirriskja li titlef it-tmexxija tagħha għall-kompetituri globali, minħabba nuqqas ta' miżuri ta' tneħħija tar-riskji, ostakli għall-kondiviżjoni tad-data u proċeduri kumplessi għall-ħruġ ta' permessi; jistieden lill-Kummissjoni tissodisfa l-impenn tagħha li tressaq Pjan ta' Azzjoni ddedikat għall-Enerġija Ġeotermali;

Or. en

Emenda 181
Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni juru tmexxija partikolari fid-dawl tar-Rendikont Globali li jmiss fl-2028, u jevitaw kwalunkwe sitwazzjoni li fiha l-Unjoni ma tkunx tista' tipprovdi mira ċara għall-Kontribut Stabbilit fil-Livell Nazzjonali tagħha qabel l-iskadenza; jissottolinja l-ħtieġa li l-UE tissodisfa l-iskadenzi tal-UNFCCC, sabiex tiddefendi l-proċess tal-UNFCCC u tmexxi internazzjonalment b'eżempju;

Or. en

Emenda 182
Annalisa Corrado, Heléne Fritzon

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu d-diplomazija tal-UE dwar il-klima billi jorbtu l-ambizzjoni klimatika mas-sigurtà tal-enerġija, il-kompetittività industrijali, l-awtonomija strateġika u l-iżvilupp sostenibbli, filwaqt li jirrikonoxxu li t-tnaqqis tad-dipendenza mill-fjuwils fossili jikkontribwixxi simultanjament għall-objettivi klimatiċi, ir-reżiljenza ekonomika u l-istabbiltà ġeopolitika;

Or. en

Emenda 183
Heléne Fritzon, Mohammed Chahim, Annalisa Corrado, Javi López, César Luena, Sakis Arnaoutoglou, Delara Burkhardt, Tiemo Wölken

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jesprimi l-aspettattiva għolja tiegħu għall-Qafas Integrat Ewropew għar-Reżiljenza għall-Klima u l-Ġestjoni tar-Riskju li jmiss; jappella għal proposta li tqis ir-realtajiet tar-riskji klimatiċi li tiffaċċja l-Ewropa f'xenarju li fih it-tisħin globali jaqbeż il-1,5 °C;

Or. en

Emenda 184
Marie-Luce Brasier-Clain, Mathilde Androuët, Anne-Sophie Frigout, Valérie Deloge, Jorge Buxadé Villalba, Viktória Ferenc, Barbara Bonte

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu ssimplifikati l-proċessi tal-UNFCCC, b'mod partikolari billi jittaffew l-obbligi ta' rapporti klimatiċi tal-Istati Membri;

Or. fr

Emenda 185
Emma Wiesner, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' qafas robust tal-UE għal wara l-2030 għall-

politiki kollha relatati mal-klima u leġiżlazzjoni aġġornata adattata għall-miri tal-UE għall-2040;

Or. en

Emenda 186
Annalisa Corrado, Heléne Fritzon

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20b (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20b. Jenfasizza l-importanza strateġika tar-reġjun tal-Mediterran għall-azzjoni klimatika, l-adattament u t-tranżizzjoni tal-enerġija; jitlob kooperazzjoni msaħħa tal-UE mas-sħab tal-Viċinat tan-Nofsinhar dwar l-enerġija rinnovabbli, l-elettrifikazzjoni, ir-reżiljenza għall-klima, il-ġestjoni sostenibbli tal-ilma u l-iżvilupp industrijali ekoloġiku, filwaqt li jiġu żgurati benefiċċji reċiproċi u l-ħolqien ta' valur lokali;

Or. en

Emenda 187
Heléne Fritzon, Mohammed Chahim, Annalisa Corrado, Javi López, César Luena, Sakis Arnaoutoglou, Delara Burkhardt, Tiemo Wölken

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20b (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20b. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta pakkett ambizzjuż dwar il-klima biex timplimenta l-mira klimatika tal-UE għall-2040;

Or. en

Emenda 188
Annalisa Corrado, Heléne Fritzon

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20c (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20c. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li s-sħubijiet industrijali internazzjonali, il-kooperazzjoni fit-teknoloġija nadifa u s-sħubijiet strateġiċi dwar il-materja prima jkunu allinjati bis-sħiħ mal-objettivi klimatiċi u jikkontribwixxu għal tranżizzjoni globali ġusta u sostenibbli, filwaqt li jappoġġjaw il-ħolqien tal-valur lokali u l-iżvilupp sostenibbli fil-pajjiżi sħab;

Or. en

Emenda 189
Heléne Fritzon, Mohammed Chahim, Annalisa Corrado, Javi López, César Luena, Sakis Arnaoutoglou, Delara Burkhardt, Tiemo Wölken

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20c (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20c. Jenfasizza l-ħtieġa li jiżdiedu l-miri ta' wara l-2030 għall-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaċċelleraw l-azzjoni biex tikkatalizza l-investimenti fl-enerġija rinnovabbli;

Or. en

Emenda 190
Heléne Fritzon, Mohammed Chahim, Annalisa Corrado, Javi López, César Luena, Sakis Arnaoutoglou, Delara Burkhardt, Tiemo Wölken

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 20d (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20d. Jirrikonoxxi s-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (EU ETS) bħala pedament tal-politika dwar il-klima; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżommu l-appoġġ tagħhom għal ETS li tiżgura l-integrità klimatika u tallinja mal-miri klimatiċi tal-UE;

Or. en

Emenda 191
Alexandr Vondra
f'isem il-Grupp ECR

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jenfasizza l-importanza tat-teħid tad-deċiżjonijiet ibbażati fuq ix-xjenza; jistieden lill-UE ssaħħaħ l-iskambji tagħha ***max-xjenzjati tal-klima u*** mal-komunità xjentifika ġenerali;	21. Jenfasizza l-importanza tat-teħid tad-deċiżjonijiet ibbażati fuq ix-xjenza ***u ekonomikament vijabbli***; jistieden lill-UE ssaħħaħ l-iskambji tagħha mal-komunità xjentifika ġenerali ***u mar-rappreżentanti tal-industrija***;

Or. en

Emenda 192
Daniel Buda

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jenfasizza l-importanza tat-teħid tad-deċiżjonijiet ibbażati fuq ix-xjenza; ***jistieden lill-UE ssaħħaħ l-iskambji tagħha max-xjenzjati tal-klima u mal-***	21. Jenfasizza l-importanza tat-teħid tad-deċiżjonijiet ibbażat fuq ix-xjenza ***u bbażat fuq l-evidenza, filwaqt li jitqiesu l-impatti ambjentali, ekonomiċi u soċjali***;

komunità xjentifika ġenerali;

Or. en

Emenda 193
Lídia Pereira

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jirrikonoxxi l-vulnerabbiltà tal-ekonomiji Ewropej u globali għax-xokkijiet fil-prezzijiet tal-enerġija u t-tfixkil fil-provvista, xprunati mid-dipendenza mill-produzzjoni tal-fjuwils fossili u s-swieq volatili taż-żejt; jissottolinja l-urġenza strutturali li tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa; jisħaq li t-tnaqqis ta' din il-vulnerabbiltà jirrikjedi mhux biss l-użu ta' teknoloġiji nodfa fuq skala kbira, iżda wkoll impenn sostnut u fit-tul għall-kundizzjonijiet li jagħmlu l-innovazzjoni possibbli, inkluż investiment robust fl-edukazzjoni, ir-riċerka akkademika u l-iżvilupp tal-kapaċità xjentifika u teknoloġika fil-qasam tal-enerġija nadifa u d-dekarbonizzazzjoni; jistieden lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tagħha jsaħħu l-appoġġ għar-riċerkaturi, l-universitajiet u l-istituzzjonijiet tal-għarfien li jaħdmu fil-fruntiera tat-teknoloġija nadifa, u jirrikonoxxu l-produzzjoni, it-trażmissjoni u t-tixrid tal-għarfien f'dan il-qasam bħala investiment strateġiku b'redditi ekonomiċi, soċjali u ta' sigurtà li jistgħu jitkejlu; jissottolinja li ekonomija verament reżiljenti hija waħda mibnija fuq l-innovazzjoni, il-ħiliet u l-għarfien, u li t-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju trid tkun akkumpanjata minn sforzi intenzjonati u b'riżorsi adegwati biex jiġi żviluppat il-kapital uman u istituzzjonali li

minnu tiddependi dik it-tranżizzjoni;

Or. en

Emenda 194
Pär Holmgren

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jissottolinja r-rwol tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima (ESABCC), kif stabbilit mil-Liġi Ewropea dwar il-Klima; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi ġustifikazzjoni, fil-valutazzjonijiet tal-impatt jew f'dokumenti oħra aċċessibbli għall-pubbliku, ta' devjazzjonijiet mill-parir tal-ESABCC u tindirizza l-kompromessi ta' politika; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tissalvagwardja biżżejjed finanzjament għall-ESABCC fil-proposti baġitarji li ġejjin biex tkun tista' twettaq il-mandat legali tagħha;

Or. en

Emenda 195
Lynn Boylan, Catarina Martins, Jonas Sjöstedt, Emma Fourreau, Anja Hazekamp

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jistenna bil-ħerqa l-Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari li jmiss; jinnota fir-Rapport dwar id-Diskrepanzi fiċ-Ċirkolarità tal-2026 li l-indikaturi ekonomiċi konvenzjonali bħall-PDG ikejlu l-attività, mhux iż-żamma jew l-erożjoni tal-valur, u għalhekk jinjoraw it-tnaqqis tar-riżorsi, l-iskart, in-nuqqas ta'

użu, u l-eżawriment tal-istokkijiet inkorporati fil-ġestjoni lineari tal-materjali, li jfisser li t-telf tal-valur strutturali jibqa' fil-biċċa l-kbira invižibbli fit-teħid tad-deċiżjonijiet ekonomiċi;

Or. en

Emenda 196
Marie-Luce Brasier-Clain, Mathilde Androuët, Anne-Sophie Frigout, Valérie Deloge, Viktória Ferenc, Jorge Buxadé Villalba, Barbara Bonte

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Ifakkar li, fil-COP28, 25 pajjiż kienu ppubblikaw dikjarazzjoni li tappoġġa t-triplikar tal-kapaċità globali tal-enerġija nukleari sal-2050; jissottolinja, li wara l-COP29, l-għadd ta' pajjiżi firmatarji żdied għal 31; jilqa' l-fatt li seba' pajjiżi ġodda (b'mod partikolari ċ-Ċina, il-Brażil, l-Italja u l-Belġju) ifformalizzaw l-adeżjoni tagħhom fis-Summit dwar l-Enerġija Nukleari li sar f'Pariġi fil-11 ta' Marzu 2026 [1a];
	1a https://presse.economie.gouv.fr/sommet-pour-lenergie-nucleaire-38-pays-en-faveur-du-triplement-des-capacites-dici-2050/

Or. fr

Emenda 197
Jessica Polfjärd

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-istrumenti ta' finanzjament tal-UE, inklużi Orizzont Ewropa u l-Fond għall-Innovazzjoni, jibqgħu miftuħa fuq termini ugwali għar-riċerka, l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji nukleari, inklużi l-SMRs, flimkien ma' teknoloġiji rinnovabbli u teknoloġiji oħra b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, f'konformità mal-prinċipju tan-newtralità teknoloġika;

Or. en

Emenda 198
Daniel Buda

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jirrikonoxxi l-kontribut tal-enerġija nukleari għad-dekarbonizzazzjoni, is-sigurtà tal-enerġija u l-provvista ta' elettriku stabbli u bi prezz raġonevoli b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, u jafferma mill-ġdid id-dritt tal-Istati Membri li jiddeterminaw it-taħlita tal-enerġija tagħhom stess f'konformità mal-prinċipju tan-newtralità teknoloġika u ċ-ċirkostanzi nazzjonali;

Or. en

Emenda 199
Lídia Pereira

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21b (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21b. Jissottolinja r-rwol strateġiku tal-

akkwist pubbliku bħala lieva b'saħħitha għall-aċċellerazzjoni tad-dekarbonizzazzjoni u għall-avvanz kemm tal-aġendi ta' mitigazzjoni kif ukoll ta' adattament; jistieden lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tagħha jiżguraw li l-kriterji ambjentali u klimatiċi jiġu integrati b'mod sistematiku u ambizzjuż fil-proċessi tal-akkwist pubbliku, filwaqt li jistabbilixxu standards ċari li jiffavorixxu soluzzjonijiet b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, effiċjenti fl-użu tal-enerġija u reżiljenti għat-tibdil fil-klima fis-setturi kollha tan-nefqa pubblika; jisħaq li l-oqfsa tal-akkwist mhux biss iridu jistabbilixxu l-kriterji t-tajba iżda jridu jkunu wkoll aġli u flessibbli biżżejjed biex jirrispondu għall-pass u l-iskala tat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, ineħħu l-piżijiet amministrattivi bla bżonn u jaċċelleraw l-iskedi ta' żmien għall-investiment mingħajr ma jikkompromettu l-kwalità jew l-obbligu ta' rendikont; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tirrieżamina r-regoli eżistenti dwar l-akkwist bl-għan li tidentifika u telimina l-konġestjonijiet li jnaqqsu r-ritmu tal-użu ta' teknoloġiji nodfa u infrastruttura relatata mal-klima, u tiżviluppa perkorsi rapidi ddedikati għal proġetti b'benefiċċji klimatiċi u ambjentali murija;

Or. en

Emenda 200
Pär Holmgren

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21b (ġdid)

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21b. Jirrimarka li, fi żmien ta' instabbiltà ġeopolitika li qed tiżdied u swieq tal-enerġija volatili, id-dekarbonizzazzjoni hija mutur b'saħħtu

ta' awtonomija strateġika u kompetittività ekonomika għall-UE; ifakkar li dan huwa rikonoxxut fil-Patt għal Industrija Nadifa u l-objettiv tiegħu li jgħaqqad l-azzjoni klimatika u l-kompetittività fi strateġija ġenerali waħda;

Or. en